

Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fil-politika agrikola komuni

Għodda ewlenija għall-innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE li
mhux qed tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

01 - 17 | **Messaġġi prinċipali** 01

01 - 07 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

08 - 17 | **X'sibna u x'nirrakkomandaw**

18 - 63 | **Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna** 02

18 - 33 | **L-implimentazzjoni tas-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fil-politika agrikola komuni ma kinitx iffukata biżżejjed fuq il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa**

19 - 22 | Kważi terz tal-proġetti ma kinux relatati direttament mal-biedja

23 - 26 | Il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa ma ngħatawx prijorità

27 - 30 | L-involvement attiv tal-bdiewa fil-proġetti żied iċ-ċansijiet li dawn tal-aħħar jirnexxu

31 - 33 | Inqas minn nofs il-proġetti kellhom l-għan li jorbtu r-riċerka mal-prattika agrikola

34 - 49 | **Aktar minn nofs il-proġetti naqsu milli jiġġeneraw innovazzjonijiet li rnextew**

34 - 36 | Madwar kwart tal-proġetti ma ttestjawx innovazzjoni potenzjali

37 - 43 | Madwar terz tal-proġetti magħżula x'aktarx ma kinux se jwasslu għal innovazzjonijiet fil-prattika

44 - 49 | Nuqqas ta' kompetizzjoni għall-finanzjament u proċeduri tal-għażla dgħajfa naqqsu l-potenzjal għall-innovazzjoni

50 - 63 | Ir-riżultati tal-proġetti spiss ma jixxerrdux jew ma jintużawx

51 - 54 | Ixxerrdu r-riżultati minn madwar nofs il-proġetti

55 - 57 | L-Istati Membri ftit li xejn għamlu użu mir-riżultati tal-proġett jew mill-għarfien maħluq

58 - 63 | In-nuqqas ta' tixrid ta' riżultati ewlenin illimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li tevalwa l-effettività tas-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fil-politika agrikola komuni

Annessi

Anness I – Dwar l-awditu

Anness II – Kif ivvalutajna jekk il-proġetti pproduċewx innovazzjoni

Anness III – Link għad-dettalji tal-valutazzjoni ta' 70 proġett inklużi fil-kampjun u l-analiżi tal-korrelazzjoni, disponibbli fuq il-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-QEA

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Tim tal-awditjar

01

Messaġġi prinċipali

Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

- 01** Is-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP-AGRI) hija għodda ta' politika ewlenija biex titrawwem agrikoltura kompetittiva u sostenibbli permezz tal-innovazzjoni kollaborattiva. Hija ffinanzjata mill-politika agrikola komuni (PAK) u mill-politika tal-UE dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni (Orizzont). Introdotta għall-ewwel darba fil-PAK 2014–2022, l-EIP-AGRI appoġġat aktar minn 4 000 proġett ta' innovazzjoni, u nefqet kważi EUR 1 000 000 000 ta' fondi tal-UE u fondi nazzjonali taħt il-PAK 2014–2022.
- 02** L-Istati Membri jużaw il-fondi għall-iżvilupp rurali tal-PAK biex jikkofinanzjaw l-innovazzjoni taħt il-“proġetti” tal-EIP-AGRI. Il-proġetti jridu jiġu proposti u mwettqa minn “gruppi operazzjonali” (OGs) li jinkludu partijiet ikkonċernati interessati, bħal bdiewa, forestiera, riċerkaturi, konsulenti u negozji agroalimentari, li kollha għandhom interess fl-ilħuq tal-oġġettivi tal-proġett. L-iskop tal-approċċ tal-EIP-AGRI huwa li tteġġeg lill-membri tal-Ogs jaħdmu flimkien u jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi għal problemi prattiċi. Biex l-EIP-AGRI żgur iġġib benefiċċji għas-settur agrikolu, l-Ogs huma meħtieġa jxerrdu r-risultati tal-proġetti tagħhom. Il-**Figura 1** tiġbor fil-qosor l-EIP-AGRI fil-PAK.

- 03** Id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (id-DĠ AGRI) tal-Kummissjoni stabbilixxa u jimmaniġġja l-EIP-AGRI fil-PAK fil-livell tal-UE, filwaqt li jipprovdi linji gwida, jimmonitorja l-implimentazzjoni u jevalwa l-impatt tagħha. Id-DĠ AGRI huwa responsabbli wkoll mill-ħolqien u l-ġestjoni tan-Network tal-EIP tal-UE biex jiġu konnessi l-OGs u jixxerrdu r-riżultati tal-proġetti tagħhom. L-Istati Membri huma responsabbli mill-integrazzjoni tal-EIP-AGRI fl-istrateġiji nazzjonali tal-PAK tagħhom, mill-organizzazzjoni ta' sejħiet għal proġetti, mit-tagħzil ta' proġetti adatti u mill-valutazzjoni tar-riżultati tagħhom.
- 04** Il-kontribut tal-EIP-AGRI fil-PAK f'dak li jirrigwarda l-innovazzjoni fl-agricoltura jserraħ l-aktar fuq il-fatt li l-Istati Membri jagħżlu u jiffinanzjaw proġetti ta' innovazzjoni u mbagħad ixerrdu r-riżultati tagħhom, biex b'hekk l-innovazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod usa' u l-kapaċità innovattiva tas-settur tkun tista' tiżviluppa maż-żmien. Il-linji gwida tal-Kummissjoni¹ jirreferu għal innovazzjoni li tirnexxi bħala:
- (1) idea ġdida, jew idea li diġà teżisti, li tintuża għall-ewwel darba f'kuntest speċifiku;
 - (2) li titqiegħed fil-prattika;
 - (3) turi li hija utli; u
 - (4) li tiġi adottata b'mod wiesa'.
- 05** Wettaqna dan l-awditu minħabba li l-innovazzjoni qed issir dejjem aktar importanti taħt il-PAK 2023–2027, filwaqt li r-riżultati tal-proġetti tal-OGs tal-EIP-AGRI u l-impatt tagħhom ġew evalwati biss parzjalment. Il-[Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel](#) tal-Kummissjoni għandha l-impenn li tipprovdi appoġġ kontinwu lill-EIP-AGRI bħala pedament tas-sistemi tal-għarfien u tal-innovazzjoni agricoli tal-Istati Membri. L-għan tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħna huwa li jikkontribwixxu għat-titjib tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-EIP-AGRI.
- 06** L-oġġettiv tal-awditu li wettaqna kien li nivvalutaw jekk l-EIP-AGRI fil-PAK għamlitx kontribut effettiv għall-innovazzjoni fl-agricoltura tal-UE billi ffinanzjat proġetti ta' innovazzjoni u xerrdet ir-riżultati tagħhom. Ivalutajna 70 proġett tal-OG f'4 Stati Membri bi programmi ta' żvilupp rurali nazzjonali u reġjonali: Spanja (fil-livell nazzjonali u fil-livell reġjonali — l-Andalusija u l-Katalonja), Franza (fil-livell reġjonali — Burgundy-Franche-Comté u n-Normandija), in-Netherlands, u l-Polonja (it-tnejn li huma fil-livell nazzjonali).

¹ Il-Kummissjoni, [Guidelines on programming for innovation and the implementation of the EIP for agricultural productivity and sustainability](#), 2014.

07 Għall-proġetti kollha tal-OGs inklużi fil-kampjun tagħna, ivverifikajna r-rilevanza tagħhom għall-agrikoltura, l-innovattività tal-ideat ittestjati, kemm dawn l-ideat tqiegħdu fil-prattika matul il-proġett, l-utilità tar-riżultati tal-proġett għall-membri tal-OGs u partijiet ikkonċernati oħra, u l-potenzjal li r-riżultati jiġu adottati b’mod usa”. Eżaminajna wkoll l-arranġamenti għat-tixrid u l-użu tar-riżultati tal-proġetti² biex titrawwem l-applikazzjoni usa’ tal-innovazzjonijiet maħluqa u biex tittejjeb il-kapaċità innovattiva fl-agrikoltura tal-UE. Aktar informazzjoni u dettalji tal-ambitu u l-approċċ tal-awditjar huma ppreżentati fl-*Annex I*.

X’sibna u x’nirrakkomandaw

08 L-EIP-AGRI fil-PAK għandha potenzjal sinifikanti li trawwem l-innovazzjoni u l-produttività fl-agrikoltura tal-UE. Madankollu, id-dgħufijiet fl-implimentazzjoni tagħha llimitaw l-impatt ġenerali tagħha. Minkejja l-ħolqien ta’ diversi innovazzjonijiet siewja, l-awditu li wettaqna juri li l-kontribut tal-EIP-AGRI fil-PAK għall-innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE tnaqqas minħabba:

- nuqqas ta’ fokus fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa (il-paragrafi [18–33](#));
- l-għażla ta’ madwar kwart biss tal-proġetti bil-potenzjal li jsiru innovazzjonijiet li jirnexxu (il-paragrafi [34–49](#)); u
- arranġamenti dgħajfa għat-tixrid tar-riżultati tal-proġetti (il-paragrafi [50–63](#)).

09 Sibna li innovazzjoni ta’ kwalità għolja rriżultat minn proġetti li involvew b’mod attiv lill-bdiewa, ikkombinaw il-ħtiġijiet prattiċi mar-riċerka, u urew fl-istadju tal-ippjanar li kellhom il-potenzjal li jipproduċu riżultati utli (kif meħtieġ mill-mudell ta’ innovazzjoni tal-EIP-AGRI).

10 Għalkemm l-EIP-AGRI hija l-għodda ewlenija tal-PAK għall-appoġġ tal-innovazzjoni li tindirizza l-ħtiġijiet prattiċi tal-bdiewa, sibna li aktar minn kwart tas-70 proġett awditjat kienu jew marbuta indirettament biss mal-ħtiġijiet tal-bdiewa jew inkella ma kinux marbuta affattu mal-ħtiġijiet tagħhom. Anki fost il-proġetti relatati mal-agrikoltura, ftit kienu daww ibbażati fuq ħtieġa prattika tal-biedja jew li involvew lill-bdiewa b’mod attiv. Kwalità oġhla ta’ innovazzjoni rriżultat minn proġetti li fil-fatt iffukaw fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa (il-paragrafi [18–26](#)).

² Il-Premessa 45 u l-Artikolu 57 (3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

- 11** Ir-rieżaminar li wettaqna tal-arranġamenti fl-erba' Stati Membri koperti mill-awditu li għamilna għibed l-attenzjoni għal żewġ fatturi li naqqsu l-fokus tal-EIP-AGRI fil-PAK fuq il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa (il-paragrafi **23–30**):
- L-Istati Membri ma stabbilewx objettivi jew prijoritajiet speċifiċi biex jgħinu ħalli jiġi determinat l-ambitu tas-sejthiet għal proġetti ta' innovazzjoni; u
 - L-Istati Membri serrħu fuq l-OGs biex jaraw li l-proġetti żgur kienu jiffukaw fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa, iżda ma pprovdew l-ebda incenċiv għall-bdiewa biex isiru membri tal-OG jew ikollhom rwol attiv fil-proġett. Meta fil-fatt ipparteċipaw, il-bdiewa rari tħallsu għall-involviment tagħhom — għall-kuntrarju ta' membri oħra tal-OG, bħal riċerkaturi jew konsulenti.
- 12** L-analiżi li wettaqna tal-proġetti tissuġġerixxi li l-involviment attiv tal-bdiewa fi proġetti wassal għal kwalità ogħla ta' innovazzjoni, bħalma għamlet l-integrazzjoni tar-riżultati tar-riċerka fil-prattika agrikola (il-paragrafi **27–33**).



Rakkomandazzjoni 1

Jittejjeb il-fokus tas-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fil-politika agrikola komuni fuq il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:


- (a) taħdem mal-Istati Membri biex tara li l-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa żgur ikunu l-fokus primarju tal-proġetti tal-OGs tal-EIP-AGRI;
- (b) tinkludi azzjoni ta' appoġġ speċifika għall-OGs tal-EIP-AGRI fi ħdan intervent tal-PAK għall-kondiviżjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-PAK ta' wara l-2027;
- (c) tippromwovi r-rwol tal-bdiewa u ta' sħab ta' implimentazzjoni oħra fil-proġetti tal-OGs tal-EIP-AGRI u tikkondividi l-aħjar Prattiki dwar kif titħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tagħhom.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-2027 għal (a), l-2028 għal (b) u l-2027 għal (c).

13 Sibna li madwar kwart (18 minn 70) tal-proġetti inklużi fil-kampjun tagħna wrew l-4 karatteristiċi kollha ta' proġett ta' innovazzjoni li rnexxa, tal-anqas sa ċertu punt (il-paragrafi 34–35 u l-Figura 2). Huma:

- (1) ħadmu fuq idea ġdida jew idea li diġà teżisti, li tintuża għall-ewwel darba f'kuntest speċifiku (prodott, servizz, proċess ta' produzzjoni ġodda jew mod ġdid ta' kif jiġu organizzati l-affarijiet);
- (2) qiegħdu din l-idea fil-prattika;
- (3) urew li l-idea tista' tkun utli; u
- (4) raw li l-idea żgur ġiet adottata b'mod wiesa'.

Figura 2 | Madwar kwart tal-proġetti wasslu għal innovazzjoni adottata b'mod wiesa'



Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

14 Mit-52 proġett li jifdal, identifikajna 10 li segwew il-passi kollha iżda li xorta ma setgħux iwasslu soluzzjoni Prattika u innovattiva — dawn jirrappreżentaw eżempji ta’ falliment istruttiv. Għal 42 mill-proġetti, sa mill-istadju tal-ippjanar kien ċar li dawn x’aktarx ma kinux se jwasslu jew għal innovazzjoni li tirnexxi jew inkella għal falliment istruttiv. Dan minħabba li ma ttestjawx idea għal innovazzjoni (17-il proġett), ma kinux iffukati fuq il-produzzjoni ta’ eżitu Prattiku, jew indirizzaw biss il-ħtiġijiet speċifiċi tal-parteċipanti tal-OGs (25 proġett). Ir-rieżaminar li wettaqna tal-arranġamenti fl-erba’ Stati Membri koperti mill-awditu jissuġġerixxi li diversi fatturi kkontribwew għall-għażla ta’ proġetti bl-ebda jew bi ftit potenzjal ta’ innovazzjoni (il-paragrafi **36–49**):

- L-innovattività tal-proposta għal proġett ma kinitx kriterju deċiżiv għat-tagħżil tal-proġetti;
- L-“utilità tar-riżultati” u l-“applikazzjoni usa” potenzjali kellhom biss rwol żgħir; u
- ftit li xejn kien hemm pressjoni kompetittiva bejn il-proġetti biex jiksbu finanzjament — xi proġetti rċevew appoġġ anki meta fl-istadju tal-ippjanar kien hemm indikazzjonijiet li l-eżiti tagħhom ma kinux se juru l-erba’ karatteristiċi biex jiġu kklassifikati bħala innovazzjoni li tirnexxi.



Rakkomandazzjoni 2

Jitqawwew il-proċeduri tal-għażla għal proġetti ta’ innovazzjoni

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) taħdem mal-Istati Membri biex tara li l-potenzjal tal-proġett li jwassal għal innovazzjoni b’riżultati utli li jistgħu jiġu adottati b’mod wiesa’, żgur ikollu rwol determinanti meta l-Istati Membri jiġu biex jagħżlu l-proġetti tal-OGs tal-EIP-AGRI;
- (b) tara li żgur jiġu kondiviżi Prattiki tajba bejn l-Istati Membri, inkluż li jiġu mmirati eżiti Prattiki, tiġi vvalutata l-utilità tas-soluzzjonijiet proposti, u jittieħed inkunsiderazzjoni l-għarfien diġà maħluq.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-2027.

- 15** Mis-70 proġett inklużi fil-kampjun, 53 ittestjaw idea għal innovazzjoni u għalhekk ħolqu informazzjoni siewja li jenħtieġ li tiġi kondiviża b'mod wiesa'. Filwaqt li l-proġetti kollha inklużi fil-kampjun ikkomunikaw l-attivitajiet tagħhom, madwar nofs biss mit-53 proġett xerrdu r-risultati u l-għarfien ewlenin li kienu ħolqu. Mit-18-il proġett li rnexxielhom jipproduċu rezultati utli, 6 wasslu għal innovazzjoni li ġiet adottata b'mod wiesa' sal-2025 (il-paragrafi [50–51](#)).
- 16** Ir-rieżaminar li wettaqna tal-arranġamenti fil-livell tal-UE u f'dak tal-Istati Membri ġibed l-attenzjoni għal diversi fatturi li kkontribwew għan-nuqqas ta' tixrid tar-risultati tal-proġetti. Dawn il-fatturi kienu jinkludu dawn li ġejjin (il-paragrafi [52–57](#)).
- Nuqqas ta' ċarezza min-naħa tal-OGs dwar x'kien jinkludi t-“tixrid tar-risultati”. Xi Ogs ikkomunikaw biss l-attivitajiet tagħhom u ma ttrasferewx l-għarfien maħluq mill-proġett, inklużi xi każijiet fejn il-parteċipanti tal-OGs ippreferew li r-risultati jibqgħu privati biex iżommu vantaġġ kompetittiv.
 - L-Istati Membri ma vverifikawx jekk l-OGs xerrdux ir-risultati tal-proġetti jew l-għarfien maħluq, u ma identifikawx innovazzjonijiet fil-proġetti li tlestew, li kellhom il-potenzjal li jiġu adottati b'mod usa'. Dan seħħ anki meta l-attivitajiet ta' komunikazzjoni kienu ġew ippjanati u l-kostijiet kienu ġew rimborżati. Fil-fatt, ma sibna l-ebda rabta bejn l-Istati Membri li ħallsu għal attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' dan it-tip u t-tixrid effettiv tar-risultati.
- 17** In-nuqqas ta' tixrid tar-risultati fixkel il-kapaċità tal-Istati Membri li jieħdu tagħlimiet dwar it-tipi ta' proġetti li jġġeneraw l-innovazzjoni. In-nuqqas ta' *data* affidabbli, u n-nuqqas ta' informazzjoni u indikaturi dwar ir-risultati tal-proġetti dgħajfu wkoll il-kapaċità tal-Kummissjoni li tevalwa l-EIP-AGRI fil-PAK u tiegħu azzjoni biex ittejjibha (il-paragrafi [58–63](#)).



Rakkomandazzjoni 3

Jittejjeb it-tixrid tar-riżultati u jiġi promoss għarfien mifrux tal-innovazzjonijiet

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tiċċara l-obbligu li jixxerrdu r-riżultati u taħdem mal-Istati Membri biex tara li r-riżultati ewlenin u l-għarfien maħluq żgur ikunu disponibbli għall-pubbliku, kemm għall-proġetti li jkunu għaddejnin kif ukoll għal dawk tal-futur;
- (b) tipprovdi modi biex tappoġġa lill-OGs fit-tixrid effettiv tar-riżultati tal-proġetti ta' innovazzjoni li jirnexxu bil-potenzjal għal applikazzjoni usa'.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: l-2027 għal (a) u l-2028 għal (b).

02

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

L-implimentazzjoni tas-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fil-politika agrikola komuni ma kinitx iffukata biżżejjed fuq il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa

- 18** L-EIP-AGRI hija maħsuba li jkollha rwol importanti fil-PAK bħala l-għodda ewlenija għall-appoġġ tal-innovazzjoni Prattika, minn isfel għal fuq, fil-livell tal-azjendi agrikoli. Biex tilħaq l-oġġettivi tagħha (il-paragrafu **04 fl-Anness I**), l-EIP-AGRI kienet meħtieġa tippromwovi traspożizzjoni aktar mgħaġġla u usa' ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika agrikola, u tnaqqas id-distakk bejn ir-riċerka u l-prattika agrikola. Eżaminajna jekk il-proġetti ("proġetti") tal-grupp operazzjonali (OG) tal-EIP-AGRI tal-Istati Membri kkontribwewx għall-oġġettivi ġenerali tal-EIP-AGRI, filwaqt li ffukajna fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa u indirizzajna b'mod effettiv id-diskrepanzi bejn ir-riċerka u l-prattika agrikola.

Kważi terz tal-proġetti ma kinux relatati direttament mal-biedja

- 19** Eżaminajna l-kontribut li l-proġetti għamlu biex jżiedu l-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli. Sibna li filwaqt li l-biċċa l-kbira mill-proġetti kienu relatati direttament mal-biedja (48 minn 70 proġett) — it-tkabbir tal-għelejjel, it-trobbija tal-annimali, u l-produzzjoni ta' ikel u materja prima mhux ipproċessati — għadd sinifikanti minnhom ma kinux (22 proġett). Għalkemm huwa mistenni b'mod ċar li r-regoli u l-oġġettivi tal-EIP-AGRI jħallu impatt fuq il-biedja, il-qafas tal-UE ppermetta finanzjament għall-agrikoltura u s-settur usa' tal-ikel. Fil-prattika, l-Istati Membri interpretaw din il-konnessjoni b'mod wiesa' ħafna, u f'xi każijiet għażlu proġetti li x'aktarx ma kien se jkollhom l-ebda impatt fuq il-biedja. Il-**Kaxxa 1** tipprovdi eżempji ta' proġetti jew b'rabtiet indiretti mal-biedja jew inkella bl-ebda rabta affattu.

Kaxxa 1

Eżempji ta' proġetti b'rabtiet indiretti mal-biedja jew bl-ebda rabta affattu

L-oġġettiv prinċipali ta' proġett fil-Polonja kien li tiġi żviluppata u implimentata teknoloġija biex jiġi prodott butir b'ħajja fuq l-ixkaffa itwal u li jkun aktar faċli biex iddellku. Il-proġett twettaq minn kumpanija kbira li tipproċessa l-ħalib u ma kien jinkludi l-ebda parteċipazzjoni min-naħa tal-bdiewa. Kieku l-proġett żied il-profitti mill-bejgħ tal-butir, l-innovazzjoni kienet tkun tat kontribut żgħir għas-sostenibbiltà ekonomika ta' madwar 2 500 bidwi fil-qasam tal-ħalib minkejja li ma affettwatx l-attività agrikola tagħhom.

L-oġġettiv ta' proġett fi Spanja (il-Katalonja) kien li jibdel l-immaġni tal-marka ta' katina ta' supermarkets u li jikkomunika l-valuri tal-marka lill-konsumaturi. L-attivitajiet tal-proġett kienu jinkludu studji standard dwar il-perċezzjoni tal-klijenti, riċerka dwar is-suq u żvilupp tal-istrateġija tal-marka. Ma sibna l-ebda konnessjoni mal-biedja f'dan il-proġett.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

- 20** Fil-pjanijiet tal-proġetti tagħhom, l-OGs jeħtiġilhom jiddeskrivu kif l-innovazzjoni proposta tkun tikkontribwixxi għall-oġġettiv tal-EIP-AGRI għat-titjib tal-produttività u l-ġestjoni tar-riżorsi sostenibbli³. Madankollu, la l-Kummissjoni u lanqas l-Istati Membri ma pprovdew linji gwida dwar kif dan il-kontribut jenħtieġ li jiġi vvalutat jew imkejje. B'risultat ta' dan, is-70 proġett kollha inklużi fil-kampjun tagħna ddikjaraw li għandhom impatt fuq il-produttività jew is-sostenibbiltà agrikola, minkejja li 22 proġett ma kellhom l-ebda rabta jew kellhom biss rabta indiretta mal-biedja.
- 21** Sibna li l-proġetti li rnextew inklużi fil-kampjun tagħna kienu dawk li wiegħbu għall-ħtiġijiet prattiċi tal-bdiewa. Il-fatt li l-bdiewa u l-prattikanti ġew involuti mill-istadju inizjali tal-ippjanar sat-tlestija tal-proġett iggarantixxa li l-innovazzjonijiet indirizzaw l-isfidi reali tal-bdiewa, iffaċilitaw l-ittestjar prattiku, u — meta rnextew — ippromwovew adozzjoni usa' fost il-komunità agrikola. Il-**Kaxxa 2** tipprovdi eżempju ta' proġett immexxi mill-ħtiġijiet tal-bdiewa.

Kaxxa 2

Eżempju ta' innovazzjoni li rnextiet u li kienet immexxija mill-ħtiġijiet tal-bdiewa

Il-bdiewa tar-ross fid-delta tal-Ebro ta' Spanja (il-Katalonja) wettqu proġett biex jiżviluppaw u jadattaw tekniki ta' żriġħ fin-niexef għar-ross. L-għan kien li jiġi ottimizzat il-konsum tal-ilma abbażi tat-tip ta' ħamrija, il-varjetà tal-għelejjel u l-prattiki ta' kultivazzjoni, kif ukoll li jiġi vvalutat l-impatt taż-żriġħ fin-niexef fuq il-proliferazzjoni tal-bebbux li jikkawża ħsara sinifikanti lir-ross miżrugħ f'kundizzjonijiet imxarrba.

Il-bdiewa pparteċipaw b'mod attiv f'kull stadju tal-proġett. F'kollaborazzjoni ma' istitut tar-riċerka, huma żviluppaw tekniki adatti ta' żriġħ fin-niexef. Illum il-ġurnata, iż-żriġħ tar-ross fin-niexef jitwettaq b'mod wiesa' fid-delta tal-Ebro, u sal-2024 dan il-metodu kien jintuża f'37 % taż-żona tat-tkabbir tar-ross. Il-metodu ta' żriġħ fin-niexef prattikament ma kienx magħruf qabel ma beda l-proġett.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

³ L-Artikolu 57 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

22 Għal 12 mis-70 proġett inklużi fil-kampjun tagħna, ma sibna l-ebda evidenza jew indikazzjoni li l-ħtiġijiet indirizzati oriġinaw jew mill-prattika agrikola, jew inkella mis-settur agroalimentari iġenerali. Proġetti ta' dan it-tip normalment kienu jinbdew minn awtoritajiet pubbliċi jew riċerkaturi, li fil-biċċa l-kbira jittestjaw soluzzjonijiet kummerċjalment disponibbli. Minn dawn it-12-il proġett, 6 pproduċew riżultati li ntużaw wara li l-proġett kien tlesta, iżda biss minn riċerkaturi u biex isir aktar xogħol xjentifiku. Il-**Kaxxa 3** tipprova eżempji ta' proġetti li ma kinux ibbażati fuq ħtieġa li oriġinat mill-prattika agrikola.

Kaxxa 3

Eżempji ta' proġetti li ma ntgħażlux abbażi tal-ħtiġijiet tal-bdiewa

L-oġġettiv ta' proġett fi Franza (Burgundy-Franche-Comté) kien li jiġu identifikati innovazzjonijiet tekniċi u diġitali kummerċjalment disponibbli bħal sensuri, biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' dawk li jrabbru l-ifrat Charolais fir-reġjun. Waħda mill-attivitajiet tal-proġett kienet li jidentifika l-ħtiġijiet speċifiċi tal-bdiewa u jara jekk is-soluzzjonijiet li kienu diġà jeżistu kinux se jissodisfaw dawk il-ħtiġijiet. Il-biċċa l-kbira mill-bdiewa jew kienu diġà mgħammra bis-sensuri, jew inkella ma kinux interessati f'soluzzjonijiet diġitali. Il-proġett għen lill-azjenda agrikola sperimentali li nedietu biex tingħaqad ma' [network nazzjonali ta' azjendi agrikoli diġitali](#).



In-Netherlands nedew sejħa nazzjonali għal proġetti biex jindirizzaw il-ħtieġa tal-awtorità maniġerjali li tittestja l-impjenji ambjentali u klimatiċi annwali potenzjali bil-ħsieb li dawn jiġu introdotti fil-PAK 2023–2027. L-oġġettivi tal-proġett li inkludejna fil-kampjun minn din is-sejħa ġew predefiniti mill-awtoritajiet għall-akkwist pubbliku. Huma għamlu dan mingħajr ma kkonsultaw lill-bdiewa. L-awtoritajiet Netherlandiżi ma setgħux juru li kienu użaw ir-riżultati tal-proġett meta ppjanaw l-appoġġ mill-PAK għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.


Il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa ma ngħatawx prijorità

- 23** Identifikajna diversi fatturi li wasslu biex 12-il proġett inklużi fil-kampjun tagħna ma ffukawx fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa għal innovazzjoni. L-ewwel nett, l-erba' objettivi tal-EIP-AGRI fil-PAK ġew iddefiniti b'mod wiesa' ħafna, mingħajr ma ġie ċċarat il-kontribut tagħhom biex jintlaħaq l-għan ġenerali li jiżdiedu l-produttività u s-sostenibbiltà fl-agrikoltura tal-UE.
- 24** It-tieni, f'konformità mal-approċċ tiegħu minn isfel għal fuq, il-qafas tal-EIP-AGRI ppermetta lill-Istati Membri flessibbiltà konsiderevoli fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u fl-istabbiliment tal-prijoritajiet tagħhom għall-innovazzjoni agrikola. Filwaqt li l-Istati Membri setgħu jappoġġaw firxa wiesgħa ta' proġetti li ma kinux marbuta direttament mal-prattika agrikola, huma kienu meħtieġa jiddeskrivu r-rwol tal-EIP-AGRI fil-ksib tal-prijoritajiet tal-programmi tal-iżvilupp rurali (PŻR) 2014–2022 tagħhom. F'dan il-każ, l-ebda wieħed mis-seba' PŻR li rrieżaminajna fl-erba' Stati Membri inklużi fil-kampjun ma kien jinkludi deskrizzjoni tal-ħtiġijiet ta' innovazzjoni speċifiċi tagħhom jew kif l-EIP-AGRI tkun tindirizzahom.
- 25** It-tielet, l-Istati Membri u l-OGs tilfu opportunità biex jużaw ix-xogħol imwettaq minn gruppi ta' esperti stabbiliti min-[Network tal-EIP tal-UE](#) ("gruppi fokali") ħalli jidentifikaw l-oqsma ta' prijorità għall-ħtiġijiet tal-agrikoltura u l-innovazzjoni tal-UE li kellhom jiġu indirizzati minn proġetti fl-Istati Membri. B'kollox, sa tmiem l-2024 kienu ġew stabbiliti 55 grupp fokali, u s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom ġew ippubblikati fir-rapporti finali mxerrda min-[Network tal-EIP tal-UE](#). Għall-erba' Stati Membri li rrieżaminajna, sibna nuqqas ta' sensibilizzazzjoni ġenerali dwar l-attivitajiet tal-gruppi fokali, u ma sibna l-ebda evidenza li x-xogħol li wettqu kien intuża jew mill-awtoritajiet maniġerjali jew inkella mill-OGs.
- 26** Fl-aħħar nett, fin-nuqqas li jiġu identifikati ħtiġijiet ċari fil-livell tal-UE jew f'dak tal-Istati Membri, l-uniku mod biex il-proġetti żgur jiffukaw fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa kien li l-bdiewa stess jipparteċipaw fl-OGs. Għalkemm ir-regoli tal-UE ma kinux jirrikjedju l-parteeċipazzjoni tal-bdiewa fl-OGs, il-linji gwida tal-Kummissjoni u l-PŻR tal-Istati Membri ssottolinjaw l-importanza li l-bdiewa jkunu involuti b'mod attiv fil-proġetti. Mill-erba' Stati Membri rrieżaminati, in-Netherlands u l-Polonja għamlu l-parteeċipazzjoni tal-bdiewa fl-OGs rekwiżit ta' eliġibbiltà fis-sejħiet tagħhom għal proġetti. Fil-prattika, il-kunċett ta' "parteeċipazzjoni" ġie interpretat b'mod wiesa'. Dan jippermetti li l-bdiewa jipparteċipaw b'mod passiv jew jipparteċipaw permezz ta' diversi organizzazzjonijiet rappreżentattivi.

L-involvement attiv tal-bdiewa fil-proġetti żied iċ-ċansijiet li dawn tal-aħħar jirnexxu

- 27** Minkejja l-enfasi fuq l-involvement tal-utenti finali fil-ħolqien ta' innovazzjonijiet, sibna li l-bdiewa ma pparteċipawx b'mod attiv f'aktar minn nofs il-proġetti inklużi fil-kampjun (41 minn 70). F'dawn il-proġetti, il-bdiewa jew ma kinux membri tal-OGs jew inkella l-parteċipazzjoni tagħhom kienet limitata għall-forniment passiv ta' riżorsi bħal azjendi agrikoli, art u makkinarju għal membri oħra tal-OGs biex iwettqu r-riċerka tagħhom.
- 28** Sibna li l-bdiewa spiss qagħdu lura milli jipparteċipaw fi proġetti tal-OGs, u raġuni ewlenija għal dan kienet li l-involvement tagħhom ma kienx remunerat. Pereżempju, fi Franza (Burgundy-Franche-Comté), għalkemm il-bdiewa individwali jew l-organizzazzjonijiet tagħhom kienu membri tal-OGs f'9 mill-10 proġetti li rrieżaminajna, huma kienu involuti b'mod attiv fi 3 minnhom. Il-bdiewa kienu l-uniċi membri tal-OGs li ma rċevew l-ebda forma ta' pagament għall-parteċipazzjoni tagħhom fi kwalunkwe wieħed minn dawn id-disa' proġetti.
- 29** Il-problema tal-ħlas lill-bdiewa għall-parteċipazzjoni fi proġetti ma kinitx koperta mil-leġiżlazzjoni tal-UE, mil-linji gwida, jew mir-regoli stabbiliti minn tlieta mill-erba' Stati Membri li rrieżaminajna. Għall-kuntrarju ta' xjenzati jew konsulenti, il-bdiewa ma jiffirmawx kuntratti ta' xogħol jew jirċievu riċevuti tal-pagamenti, u xogħolhom jista' jkun diffiċli biex jiġi vvalutat. In-Netherlands biss kellhom dispożizzjonijiet biex iħallsu lill-bdiewa u kisbu l-ogħla livell ta' parteċipazzjoni attiva tal-bdiewa tal-erba' Stati Membri inklużi fil-kampjun. Fin-Netherlands, il-bdiewa setgħu jiddikjaraw is-siġhat maħduma fuq proġett bħala kontribuzzjoni *in natura* b'valur ta' EUR 35 fis-siegħa, li mbagħad tħallset b'rata ta' appoġġ sa 70 %. Taħt il-PAK 2023–2027, iż-żewġ reġjuni fi Franza li koprejna fl-awditu li wettaqna kienu jinkludu wkoll il-possibbiltà li l-bdiewa jitħallsu għall-parteċipazzjoni tagħhom fi proġett. Il-pagamenti kienu bbażati fuq awtodikjarazzjonijiet u rata fis-siegħa predefinita.
- 30** L-analiżi li wettaqna tiġbed l-attenzjoni għall-benefiċċji marbuta mal-involvement attiv tal-bdiewa fil-proġetti f'dak li jirrigwarda l-kwalità tal-innovazzjoni prodotta. Il-proġetti li fihom il-bdiewa kkontribwew b'mod attiv kemm għall-iżvilupp kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet irnexxew aktar minn dawk li fihom l-involvement tagħhom kien passiv jew nieqes (il-[Figura 3](#)).

Figura 3 | L-involviment attiv tal-bdiewa jtejjeb il-kwalità tal-innovazzjoni



Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun taġna ta' proġetti.


Inqas minn nofs il-proġetti kellhom l-għan li jorbtu r-riċerka mal-prattika agrikola

- 31** Wieħed mill-erba' objettivi tal-EIP-AGRI fil-PAK kien li r-riċerka tintrabat aħjar mal-prattika agrikola billi "tibni pontijiet bejn ir-riċerka, l-għarfien u t-teknoloġija avvanzati u l-bdiewa"⁴. Il-proġetti ma kinux maħsuba biex iwettqu riċerka applikata, iżda pjuttost biex jikkontribwixxu ħalli jgħaqqdu r-riċerka u l-prattika permezz tal-elementi ta' kokreazzjoni u networking, minn isfel għal fuq, tal-EIP-AGRI fil-PAK. L-ebda wieħed mill-erba' Stati Membri magħżula ma ħa kwalunkwe miżura biex jipromwovi proġetti li integraw ir-riżultati tar-riċerka li kienu diġà jeżistu jew daww ġodda fil-prattiki agrikoli. Fi Franza (in-Normandija), il-PŻR saħansitra saħaq li jenħtieġ li l-fokus tal-proġetti jkun fuq it-tweġiq ta' riċerka applikata. B'mod ġenerali, fil-kampjun taġna ta' 70 proġett, identifikajna 7 li ffukaw biss fuq it-tweġiq ta' riċerka applikata, aktar milli fuq it-tqegħid ta' din ir-riċerka fil-prattika.

⁴ L-Artikolu 55 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

- 32** Sors potenzjali wieħed ta' ispirazzjoni għall-ideat għall-proġetti tal-EIP-AGRI fil-PAK kien Orizzont 2020, il-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE, li alloka aktar minn EUR 1.5 biljun għar-riċerka fuq l-agrikoltura u l-forestrija għall-perjodu 2014–2020. Sibna li l-ebda wieħed mill-Istati Membri inklużi fil-kampjun ma ppromwova b'mod attiv l-użu tar-riżultati tar-riċerka ta' Orizzont fil-proġetti tal-EIP-AGRI fil-PAK. L-ebda wieħed mis-70 proġett inklużi fil-kampjun tagħna ma uża għarfien speċifiku ġġenerat mill-proġetti ta' Orizzont.
- 33** Fil-proġetti inklużi fil-kampjun, eżaminajna l-involvement tar-riċerkaturi u jekk il-proġetti kinux riċerka awtonoma, fejn il-bdiewa u prattikanti oħra kienu sempliċiment suġġetti ta' studju, jew jekk is-soluzzjonijiet ġewx żviluppatti b'mod kollaborattiv. Minn 70 proġett inklużi fil-kampjun, sibna 27 li kienu bbażati fuq proċess ta' kokreazzjoni, minn isfel għal fuq, li qiegħed fil-prattika r-riċerka li kienet diġà teżisti jew dik ġdida, u dawn kienu ta' kwalità ogħla minn dawk li ma kinux ibbażati fuq dan il-proċess (il-[Figura 4](#)). Identifikajna korrelazzjoni pożittiva bejn l-integrazzjoni tar-riċerka mal-prattika agrikola u l-kwalità tal-innovazzjoni miksuba (il-[Kaxxa 4](#)).

Figura 4 | L-irbit tar-riċerka mal-prattika jtejjeb il-kwalità tal-innovazzjoni



Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

Kaxxa 4

Studju tal-każ dwar il-kampjun tagħna ta' proġetti

Analizzajna l-kampjun tagħna ta' 70 proġett u wettaqna analiżi tal-korrelazzjoni. Sibna li l-kwalità tal-innovazzjoni tjejbet meta l-ħtiġijiet prattiċi ġew indirizzati, il-bdiewa kienu involuti b'mod attiv, inħolqu rabtiet prattiċi bejn ir-riċerka u l-biedja, u r-riżultati xxerrdu b'mod effettiv. Barra minn hekk, l-istudju tal-każ li wettaqna jindika li hemm korrelazzjoni pożittiva bejn soluzzjonijiet prattiċi, rilevanti u kkomunikati sew li involvew lill-partijiet ikkonċernati u l-kwalità tal-innovazzjoni. L-analiżi tal-korrelazzjoni li wettaqna u d-*data* sottostanti dwar il-kampjun ta' 70 proġett huma disponibbli fuq il-pjattaforma ta' *data* miftuħa (l-[Anness III](#)).

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

Aktar minn nofs il-proġetti naqsu milli jiġġeneraw innovazzjonijiet li rnextew

Madwar kwart tal-proġetti ma ttestjawx innovazzjoni potenzjali

- 34** Il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-OGs jikkarakterizzaw innovazzjoni li tirnexxi fl-agrikoltura bħala idea ġdida jew li diġà teżisti, li tintuża għall-ewwel darba f'kuntest speċifiku, titqiegħed fil-prattika, turi li hija utli u tiġi adottata b'mod wiesa'. Abbażi ta' dawn l-4 karatteristiċi, ivvalutajna l-kwalità tal-innovazzjoni tas-70 proġett inklużi fil-kampjun tagħna. Id-dettalji tal-valutazzjoni li wettaqna huma ppreżentati fl-[Anness II](#) u huma miġbura fil-qosor fil-[Figura 5](#).

Kaxxa 5

Eżempju ta' proġett li jipproduċi innovazzjoni ta' kwalità għolja

Fil-Polonja, ir-riċerkaturi universitarji sabu li s-settur tal-inbid Pollakk, li qed isir dejjem aktar popolari, kien għadu jserraħ fuq metodi ta' kultivazzjoni skaduti u tekniki manwali tal-ibbottiljar tal-inbid. Flimkien ma' 16-il produttur li jagħsru l-inbid, ħolqu proġett biex itejbu b'mod komprensiv il-kwalità tal-inbid prodott abbażi ta' prattiki li kienu diġà jeżistu u li ma kinux ġew applikati qabel mill-produtturi Pollakki lokali li jagħsru l-inbid. Il-proġett kien jinvolvi:

- I-ttestjar fuq il-post u fil-laboratorju biex jinstabu l-aħjar varjetajiet ta' għeneb għal kull vinja;
- il-ħolqien ta' linja mobbli tal-ibbottiljar (ara hawn taħt) bi proċess standardizzat tal-ibbottiljar bl-użu tan-nitroġenu, u
- l-iżvilupp ta' marka komuni għall-bejgħ tal-inbid lokali u l-identifikazzjoni ta' sinerġiji fid-distribuzzjoni u l-bejgħ konġunti.



Il-proġett irnexxielu jiġi implimentat. Il-produtturi li jagħsru l-inbid żiedu l-ħsad tagħhom, naqqsu l-kostijiet tagħhom u, bis-saħħa ta' kummerċjalizzazzjoni ta' kwalità aħjar u kollaborattiva, setgħu jikkonkludu kuntratti għal żmien twil li kellhom ma' ktajjen tal-provvista kbar tal-bejgħ bl-imnut. Dawn is-soluzzjonijiet imbagħad ġew adottati wkoll minn produtturi oħra tal-inbid fuq skala żgħira fil-Polonja kollha.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

36 Mis-70 proġetti inklużi fil-kampjun tagħna, 17 ma wasslu l-ebda innovazzjoni minħabba li ma kinux ibbażati fuq idea innovattiva.

- Tmien proġetti kienu proġetti standard ta' kooperazzjoni u ta' dimostrazzjoni jew proġetti oħra ta' żvilupp rurali li setgħu ġew iffinanzjati permezz ta' miżuri oħra tal-PŻR, u l-iskop tagħhom ma kienx li tinħoloq soluzzjoni innovattiva.
- Id-disa' proġetti li jifdal ma indirizzawx idea innovattiva (li tfisser idea ġdida jew idea li diġà teżisti, li tintuża għall-ewwel darba f'kuntest speċifiku).

Il-**Kaxxa 6** tipprovdi eżempju ta' proġetti li ma ttestjawx idea għal innovazzjoni.

Kaxxa 6

Eżempju ta' proġetti li kienu dwar il-kooperazzjoni iżda mhux l-innovazzjoni

Fil-Polonja, 2 mill-10 proġetti inklużi fil-kampjun tagħna kienu jinvolvu esklużivament il-ħolqien ta' ktajjen tal-provvista standard u qosra, u l-kostijiet tal-proġetti koprew prinċipalment ix-xiri ta' vannijiet tal-konsenja. Għal dawn il-proġetti, ma kienet meħtieġa jew ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-innovattività tal-proposta.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

Madwar terz tal-proġetti magħżula x'aktarx ma kinux se jwasslu għal innovazzjonijiet fil-prattika

37 Mit-53 proġett ibbażati fuq idea innovattiva, 35 ma wasslux għal innovazzjoni li rnexxiet. Dan minħabba li tilfu mill-inqas waħda mit-tliet karatteristiċi li kien jifdal li tkun tikklassifikahom bħala tali: meta idea titqiegħed fil-prattika, turi li hija utli u tiġi adottata b'mod wiesa'. Għal 25 minn dawn il-proġetti, fl-istadju tal-ippjanar kien diġà ċar li x'aktarx ma kinux se jwasslu għal innovazzjonijiet fil-prattika. Dan għal raġunijiet li jinkludu:

- (a) in-nuqqas ta' pjan biex jiġi prodott eżitu prattiku;
- (b) il-fatt li ma mmirawx lejn riżultati li setgħu jiġu adottati b'mod wiesa'; u
- (c) il-fatt li realistikament ma setgħux ipproduċew eżiti prattiċi qabel ma ntemm il-proġett.

Dawn il-proġetti setgħu ġew esklużi permezz ta' proċessi tal-għażla mfaġġa aħjar. L-10 proġett li jifdal jirrappreżentaw eżempji ta' falliment istruttiv — ittestjaw idea valida iżda fl-aħħar mill-aħħar ma wasslux għal innovazzjoni, b'mod partikolari minħabba r-riskji inerenti f'inizjattivi ta' dan it-tip.

38 Mill-25 proġett li ma wasslux għal innovazzjoni li rnexxiet u ma kinux falliment istruttiv, 6 ma kellhomx eżitu prattiku. Dawn il-proġetti kienu pplanaw mill-bidu nett li jikkonkludu xogħolhom bil-ħolqien ta' kunċett teoretiku, mudell jew pjan għal innovazzjoni futura. Ara l-[Kaxxa 7](#) għal eżempju.

Kaxxa 7

Eżempju ta' proġett li ma pplanax li jipproduċi eżitu prattiku

L-għan ta' proġett fin-Netherlands kien li jiżviluppa pjan ta' azzjoni għal prattiki agrikoli sostenibbli fil-kolonji tal-pit għall-ewwel darba f'dak ir-reġjun, abbażi ta' analiżi tas-sitwazzjoni ta' dak iż-żmien. Biex jappoġġa dan il-pjan ta' azzjoni, il-proġett inkluda wkoll il-ħolqien ta' dokumentazzjoni tal-proġett għal disa' oqsma ta' prijorità li għandhom jiġu indirizzati minn disa' proġetti futuri ta' implimentazzjoni tal-EIP-AGRI. Ma kienet ippjanata l-ebda implimentazzjoni prattika għall-proġett.

Mid-disa' oqsma ta' prijorità identifikati, ħamsa biss ġew żviluppati fi pjanijiet ta' proġett jew f'deskrizzjonijiet ta' proġett. Ma ġiet prodotta l-ebda dokumentazzjoni tal-proġett għall-erbgħa li jifdal, minħabba li l-proġett ġie tterminat qabel iż-żmien għax l-OG ma kienx interessat li jkompli.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

- 39** Sibna wkoll 13 minn 25 proġett li fihom l-attivitajiet ippjanati ġew iddefiniti b'mod tant ristrett li l-innovazzjoni maħluqa kienet tkun utli biss għall-membri tal-OG minħabba li l-attivitajiet tal-proġetti indirizzaw il-ħtiġijiet speċjalizzati jew il-ħtiġijiet niċċa tal-membri tal-OG (il-**Kaxxa 8**).

Kaxxa 8

Eżempji ta' proġetti bi ħtiġijiet speċjalizzati jew ħtiġijiet niċċa

L-objettiv ta' proġett fin-Netherlands kien li jiformula mod innovattiv ta' adattament ta' bini agrikolu preċedenti f'kooperazzjoni ma' bidwi u muniċipalità lokali. Il-pjanijiet tal-proġett tfasslu apposta skont il-ħtiġijiet tal-bidwi involut, u l-ebda parti mill-innovazzjoni żviluppata fi ħdan il-proġett ma kienet faċilment trasferibbli lil bdiewa oħra.

Fi Spanja (l-Andalusija), l-objettiv ta' proġett minnhom kien li jtejjeb il-konsum tal-enerġija u tal-ilma ta' fabbrika li tipproċessa l-ħalib tal-mogħoż u li jipromwovi d-diversifikazzjoni tal-prodotti tal-ħalib tal-mogħoż. Sibna li l-proġett għen lill-kumpanija timmodernizza l-infrastruttura tagħha u tnaqqas il-konsum tal-ilma u tal-enerġija tagħha. Madankollu, l-għodod u l-mudelli prodotti kienu mfassla apposta għall-infrastruttura tal-faċilità u ma setgħu jintużaw imkien ieħor. Il-proġett naqas ukoll milli jwassal prodotti ġodda mill-ħalib tal-mogħoż, kif kien intenzjonat fil-bidu.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

- 40** Għal 7 mit-13-il proġett bi ħtieġa speċjalizzata jew ħtieġa niċċa, kien ċar mill-bidu nett li l-innovazzjoni x'aktarx ma kinitx se tiġi adottata b'mod usa". Dawn il-każijiet kienu relatati kollha mal-innovazzjonijiet tal-prodotti, u l-pjanijiet tal-proġetti tagħhom ma kienu jinkludu l-ebda ttestjar u lanqas analiżi tas-suq. Pereżempju, dawn kienu jinkludu l-iżvilupp ta':

- tip ġdid ta' butir li jservi aktar u aktar faċli biex iddellku, u meraq minn tuffieħ li jkun aħmar minn ġewwa bi proprjetajiet ta' benefiċċju għas-saħħa (il-Polonja); u
- snack tal-frott tajjeb għas-saħħa u prodotti ġodda tal-ħalib magħmula mill-ħalib tal-mogħoż (Spanja).

Il-prodotti żviluppati f'dawn il-proġetti qatt ma ġew ikkummerċjalizzati u saħansitra lanqas biss ingħataw prova tas-suq billi kien ċar li ma setgħux jiġu prodotti b'kost raġonevoli.

41 Iż-żewġ proġetti fil-Polonja li indirizzaw f'ideg ta' kienet (il-paragrafu **40**) kienu jinvolvu investimenti kbar f'assi b'hal linji ta' produzzjoni u makkinarju, li l-membri tal-OGs ibbenefikaw minnhom bis-sħiħ wara t-tlestija tal-proġett. Skont ir-regoli tas-suq intern tal-UE, il-kostijiet eliġibbli ta' investimenti ta' dan it-tip fi proġetti ta' riċerka u żvilupp jenħteġ li jkunu limitati għall-kost tad-deprezzament li jikkorrispondi għad-durata tal-proġett. Billi r-rimborż żbaljat ta' investimenti f'assi oriġina minn regola li ġiet applikata fil-livell nazzjonali, sibna li 8 mill-10 proġetti inklużi fil-kampjun fil-Polonja rċevew aktar finanzjament milli kellhom jirċievu (il-**Kaxxa 9**). Każijiet ta' dan it-tip jirrappreżentaw kost tal-għażla fir-rigward tal-finanzjament ta' proġetti oħra aktar innovattivi.

Kaxxa 9

Eżempju ta' proġett b'fondi li ntefqu l-aktar fuq investiment kapitali u mhux fuq l-innovazzjoni

Proġett fil-Polonja kien jikkonċerna l-implimentazzjoni ta' teknoloġija innovattiva għat-trattament tal-ilma fi ħdan sistema ta' tisqija magħluqa fuq pjantaġġun tal-cranberries. Mill-kostijiet tal-proġett, 92 % kienu kostijiet ta' investiment ta' EUR 1.5 miljun għall-konstruzzjoni ta' pjantaġġun ġdid ta' cranberries b'rata ta' appoġġ pubbliku ta' 50 %. Il-benefiċjarju ġie rimborżat għal EUR 750 000 tal-kostijiet tal-investiment.



Il-kostijiet ta' deprezzament li jikkorrispondu għad-durata tal-proġett kienu biss ta' EUR 94 000, u għalhekk ir-rimborż kellu jkun limitat għal EUR 47 000. Għalhekk, madwar EUR 700 000 ta' appoġġ mill-UE tħallsu għal investiment kapitali u mhux għall-innovazzjoni, u dan bi ksur tar-regoli tal-UE.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

- 42** Sibna wkoll li 5 mit-13-il proġett speċjalizzat jew niċċa kienu jkunu jitwettqu kompletament jew parzjalment anki mingħajr għotja (sitwazzjoni magħrufa bħala “deadweight” — il-**Kaxxa 10**). Każijiet ta’ dan it-tip jirrappreżentaw kost tal-għażla fir-rigward tal-finanzjament ta’ proġetti aktar innovattivi.

Kaxxa 10

Eżempji ta’ benefiċjarji ta’ proġetti speċjalizzati li użaw fondi pubbliċi għall-benefiċċju tagħhom stess

Tali benefiċjarji tal-proġetti ffinanzjati mill-EIP-AGRI nstabu pereżempju:

- (a) fin-Netherlands, fejn kooperattiva u mexxej globali fil-produzzjoni ta’ ingredjenti bbażati fuq il-patata, irrappurtaw dħul annwali sa EUR 1 000 000 000 u profitti ta’ miljuni ta’ euro matul il-perjodu tal-proġett;
- (b) fi Spanja, fejn produttur kbir ta’ nbid spumanti tradizzjonali Spanjol, taħt is-sjieda ta’ kumpanija Amerikana ta’ ekwità privata, irrapporta profitti annwali ta’ madwar EUR 100 miljun matul il-perjodu tal-proġett; u
- (c) fil-Polonja, fejn kumpanija multinazzjonali kbira tal-ikel irrappurtat profitti annwali ta’ madwar EUR 100 miljun matul il-perjodu tal-proġett.

L-iskop tal-proġetti tagħhom kien li jipprovdu soluzzjonijiet moderni għal kumpanija speċifika waħda li diġà setgħet tiffinanzjaha mill-fondi tagħha stess. L-ebda wieħed minn dawn il-benefiċjarji ma kkondivida r-riżultati tal-proġett. Għalhekk, il-fondi pubbliċi ntużaw biex jagħtu spinta lil kumpaniji kbar u privati, iżda ma kinux ta’ benefiċċju għas-settur usa’.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta’ proġetti.

- 43** Fl-aħħar nett, fost 25 proġett li ma rnextwx u li l-falliment tagħhom seta’ jiġi evitat, sibna 3 li ma damux biżżejjed biex isir ix-xogħol kollu ħalli tinħoloq l-innovazzjoni intenzjonata, kif jidher fil-**Kaxxa 11**. Dawn il-proġetti ma setgħux iwasslu innovazzjoni li tirnexxi, minħabba l-allinjament ħażin tal-oġettivi pjanati tagħhom u d-durata tal-proġett.

Kaxxa 11

Eżempji ta' proġetti li ma allinjawx l-oġġettivi ta' tagħhom mad-durata tal-proġett

Fil-Polonja, eżaminajna proġett ta' sentejn biex tinħoloq applikazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet, ibbażata fuq mudelli ta' taġġim awtomatiku bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali msejħa networks newrali. Il-proċess ta' żvilupp għal networks ta' dan it-tip normalment jieħu aktar minn 5 snin. Għalkemm il-proġett tlesta fi tmiem l-2022, l-applikazzjoni bħalissa għadha qed tiġi żviluppata. Il-Polonja tat appoġġ għal proġetti li jdumu sa 3 snin, u f'każijiet eċċezzjonali sa 5 snin.

Fi Spanja (l-Andalusija), żewġ organizzazzjonijiet tal-bdiewa li jipproduċu ż-żejt taż-żebuga wettqu proġett ta' sentejn bl-iskop li juru li l-imsaġar taż-żebuga intensivi huma ekonomikament aktar vijabbli mill-imsaġar taż-żebuga tradizzjonali. Dan ikkonvinċa lill-bdiewa biex jintensifikaw. Nofs il-kost tal-proġett ħallas għat-tneħħija ta' 50 ettaru ta' msagħar tradizzjonali u għal msagħar intensiv ta' sostituzzjoni biex jitħawwel minflokhom. Meta jitqies li msagħar reċentement imħawwel ikun jipprovdni biss l-ewwel produzzjoni limitata tiegħu f'4 sa 5 snin, u jespandi biss għall-produzzjoni sħiħa f'10 snin, il-proġett ipprovdna redditu fuq l-investment u kalkoli tal-produttività abbażi ta' *data* stmata li kienet diġà disponibbli.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun ta' tagħna ta' proġetti.

Nuqqas ta' kompetizzjoni għall-finanzjament u proċeduri tal-għażla dgħajfa naqqsu l-potenzjal għall-innovazzjoni

- 44** Abbażi tar-rieżaminar li wettaqna tal-arranġamenti nazzjonali fl-erba' Stati Membri li żorna, identifikajna diversi raġunijiet għaliex aktar minn nofs il-proġetti inklużi fil-kampjun tagħna x'aktarx li ma jwasslux għal innovazzjonijiet.
- 45** L-ewwel nett, sibna li ftit li xejn kien hemm kompetizzjoni bejn il-proġetti biex jiksbu finanzjament mill-EIP-AGRI. Għall-EIP-AGRI, l-Istati Membri jeħtiġilhom isegwu proċess kompetittiv biex jagħżlu proġetti li fl-ambitu tagħhom l-applikazzjonijiet jiġu evalwati bi tqabbil ma' kriterji tal-għażla u mbagħad jiġu kklassifikati biex jiġu identifikati l-aħjar proposti. Fl-erba' Stati Membri kollha inklużi fil-kampjun, is-sejħiet għal proġetti rċevew għadd sinifikanti ta' proposti. Pereżempju, 5 biss mill-150 proposta għal proġett li waslu matul il-perjodu 2014–2022 fi Franza (in-Normandija) ġew miċħuda matul il-proċess tal-għażla. Minn dawn, erba' proġetti kienu fl-ewwel sejħa għal proġetti meta l-miżura kienet ġdida kemm għall-applikanti kif ukoll għall-awtorità maniġerjali. Fi Spanja, fin-Netherlands u fil-Polonja, il-baġit għall-miżura ta' kooperazzjoni, li kopra l-EIP-AGRI fil-PŻR 2014–2022, żdied diversi drabi, minħabba li l-awtoritajiet maniġerjali ddeċidew li jtaffu l-persjoni tal-għażla.
- 46** It-tieni, sibna li l-innovattività ta' proposta għal proġett, jiġifieri jekk ittestjatx idea ġdida jew idea li diġà teżisti f'kuntast ġdid, ma kinitx kriterju deċiżiv għat-tagħzil ta' proġetti fi kwalunkwe wieħed mill-erba' Stati Membri koperti fil-kampjun tagħna. L-ittestjar jew ix-xiri ta' tagħmir jew makkinarju ġdid kummerċjalment disponibbli kien jgħodd bħala innovazzjoni, pereżempju. Dan seħħ minkejja li l-linji gwida tal-EIP-AGRI tal-Kummissjoni taw parir lill-Istati Membri biex azzjonijiet ta' dan it-tip jeskluduhom mill-appoġġ. Fil-każ tal-Polonja, dan wassal ukoll biex l-OGs jitħallsu ammonti sinifikanti ta' għajjnuna għal investiment kapitali, minkejja l-fatt li l-finanzjament tal-kostijiet tal-assi fissi 'l fuq mid-deprezzament matul il-proġett kien bi ksur tar-regoli tal-UE.
- 47** Tnejn mill-erba' Stati Membri (Franza u l-Polonja) għażlu li l-innovattività ta' proposta għal proġett jagħmluha kriterju ta' eliġibbiltà. Fil-Polonja, l-awtorità maniġerjali qieset li idea ta' proġett tkun innovattiva jekk il-benefiċjarju potenzjali jikseb opinjoni pożittiva dwar il-karattru innovattiv tal-proġett mingħand università jew istitut tar-riċerka. Dan il-proċess ma kienx trasparenti u wassal għal kunflitt ta' interessi; minħabba li l-istitut tar-riċerka talab ħlas għaċ-ċertifikazzjoni ftit li xejn kien hemm inċentiv biex jipproduċi opinjoni negattiva. Meta l-Istati Membri inkludew l-innovattività bħala kriterju tal-għażla, dan mhux dejjem kien ta' piż biżżejjed biex jiggarantixxi li l-proġetti b'innovattività marġinali jew baxxa jiġu esklużi mill-finanzjament, kif jidher fil-[Kaxxa 12](#).

Kaxxa 12

Eżempji tal-innovattività ta' proposta għal proġett bi rwol żgħir biss fil-proċess tal-għażla


Fi Spanja (PŻR nazzjonali), il-proġetti setgħu jiksbu punteġġ sa 10 punti minn 100 punt għall-“grad ta’ innovazzjoni”, li minnhom 4 punti biss setgħu jingħataw għall-potenzjal tal-innovattività u 6 punti għall-fattibbiltà.

Fi Franza (in-Normandija), il-proġetti setgħu jiksbu punteġġ ta’ 30 punt minn 170 punt għall-“grad ta’ innovazzjoni”. Dan il-kriterju ttestja separatament jekk il-proposta għal proġett kinitx tirreferi għal innovazzjoni teknika, tematika jew organizzattiva, u ta 10 punti lil kull tip ta’ innovazzjoni. Il-proġetti kienu jintgħażlu jekk kienu jilħqu minimu ta’ 50 punt, u jekk il-karattru innovattiv tagħhom kien jitqies biżżejjed. Madankollu, dan sar mingħajr ma ġie ddefinit x’kienet tfigħer “biżżejjed” jew mingħajr ma ġie stabbilit soll minimu għal dan il-kriterju.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta’ proġetti.

- 48** It-tielet, fejn ġew iddefiniti, il-kriterji tal-għażla għall-“utilità tar-riżultati” u l-“applikazzjoni usa” potenzjali kellhom biss rwol żgħir fl-għażla tal-proġetti. Fl-erba’ Stati Membri, sibna li l-proċess tal-għażla ma ffukax fuq il-valutazzjoni tal-potenzjal li jinkisbu eżiti prattiċi li jistgħu jwasslu għal innovazzjonijiet adottati b’mod wiesa’. Pereżempju, għalkemm Franza (Burgundy-Franche-Comté) inkludiet kriterji ta’ valutazzjoni għat-“trasferibbiltà tar-riżultati lill-utenti finali” u għar-“riproduċibbiltà tar-riżultati”, dawn ma kinux ponderati biżżejjed biex jiffavorixxu proġetti b’potenzjal ta’ multiplikazzjoni jew ta’ tkabbir.
- 49** Fl-aħħar nett, abbażi tal-analiżi li wettaqna tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, sibna li għall-kuntrarju ta’ ħafna miżuri oħra tal-PŻR, il-miżura ta’ kooperazzjoni ma eskludiet l-ebda kategorija ta’ kostijiet fil-livell tal-UE, u l-Istati Membri setgħu jagħżlu li jitolbu rimborż sa 100 % tal-kostijiet tal-proġetti. Mis-70 proġett inklużi fil-kampjun, b’kollox 36 ġew rimborżati bis-sħiħ għall-kostijiet eliġibbli tagħhom (medja ta’ EUR 322 000). Dan kien ifisser li l-membri tal-OG ma kellhom iġarrbu l-ebda riskju finanzjarju marbut mal-attivitajiet imwettqa. Sibna li l-għoti tar-rata massima ta’ appoġġ ma ġġenerax aktar innovazzjoni (il-*Figura 6*).

Figura 6 | Appoġġ akbar ma ġġenerax aktar innovazzjoni



Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

Ir-riżultati tal-proġetti spiss ma jixxerrdux jew ma jintużawx

- 50** Il-ħolqien ta' kultura ta' innovazzjoni li twassal għal agrikoltura aktar kompetittiva u sostenibbli jirrikjedi mekkaniżmi effettivi biex jixxerrdu r-riżultati tal-proġetti u tiġi appoġġata l-adozzjoni mifruxa ta' soluzzjonijiet li jirnexxu. Eżaminajna kif il-proġetti fil-kampjun tagħna kkondividew informazzjoni dwar l-innovazzjonijiet tagħhom, u kif il-Kummissjoni u l-Istati Membri magħżula appoġġaw it-tixrid ta' dan l-għarfien fi ħdan il-qafas tal-PAK għall-benefiċċju tas-settur kollu kemm hu.

Ixxerrdu r-riżultati minn madwar nofs il-proġetti

- 51** Mit-53 proġett ibbażati fuq idea innovattiva, 49 proġett koprew il-kostijiet tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u tixrid, iżda 28 biss ippublikaw ir-riżultati tagħhom u kkondividew l-għarfien maħluq. Dan kien jinkludi t-18-il proġett kollha li koprew l-4 karatteristiċi li wasslu għal innovazzjoni li rnexxiet: 6 pproduċew soluzzjonijiet li ġew adottati b'mod wiesa' fis-settur; 10 pproduċew riżultati li għadhom jintużaw mill-membri tal-OG u li jistgħu jintużaw minn oħrajn; u 2 ikkonkludew li t-teknoloġija l-ġdida ma kinitx adatta għall-profil tal-azjendi agrikoli li jipparteċipaw fl-OG, iżda kkondividew għarfien dettaljat dwar l-azjendi agrikoli li jmisshom iqisu l-possibbiltà li jużaw din it-teknoloġija l-ġdida.

52 Id-dispożizzjonijiet tal-PAK jirrikjedu li l-OGs ixerrdu r-riżultati tal-proġetti tagħhom⁵. Minkejja li l-Kummissjoni ddikjarat fil-[linji gwida tagħha lill-Istati Membri](#), li jridu jixxerrdu rezultati sostanzjali li jistgħu jkunu ta' użu għall-oħrajn, l-ebda wieħed mill-Istati Membri inklużi fil-kampjun ma kkomunika b'mod ċar lill-OGs eżattament x'kien jeħtieġ li jixxerred jew għal liema skop. Dan kien ifisser li l-OGs ġeneralment interpretaw dan ir-rekwiżit bħala li jirrappreżenta obbligu ta' komunikazzjoni dwar l-attivitajiet u l-eżitu tal-proġett, mingħajr ma jagħtu dettalji dwar ir-riżultati jew l-għarfien maħluq. Kieku għamlu hekk, partijiet ikkonċernati interessati oħra, bħal bdiewa, konsulenti, riċerkaturi jew awtoritajiet pubbliċi kienu jkunu jistgħu jerġgħu jużawhom. Il-[Kaxxa 13](#) tipprovdi eżempji ta' proġetti li żammew privat l-għarfien maħluq.

Kaxxa 13

Eżempji ta' proġetti li żammew privat l-għarfien maħluq

L-għan ta' proġett fin-Netherlands kien li jiġu żviluppati varjetajiet ġodda ta' patata bl-użu ta' tekniki innovattivi ta' tkabbir, filwaqt li jiffoka fuq li tiżdied ir-reżistenza tagħha għall-mard u li jingħataw rendimenti għoljin. Il-proġett irriżulta f'mudelli statistiċi għat-tagħżil u t-tkabbir tal-patata, ħoloq markaturi għat-tbassir tal-proprjetajiet ta' varjetajiet ġodda, u żviluppa wkoll sitt ġenomi ta' referenza. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn ir-riżultati ma ġie ppubblikat. Membru wieħed tal-OG ippubblika b'mod konġunt dokument xjentifiku li jinkludi biss informazzjoni limitata li ma kinitx se tippermetti lil kumpaniji oħra tat-tkabbir tal-patata jibbenefikaw mill-għarfien maħluq.

Proġett fi Spanja kkonċentra fuq ir-riċerka dwar użi kummerċjali alternattivi għall-qxur u l-għadam tal-avokado. Dawn jirrappreżentaw madwar 40 % tal-piż totali tal-avokado pproċessat u jitqiesu bħala skart għall-inċinerazzjoni jew għal-landfill. Il-proġett iproduċa għarfien dwar kif għandha tiġi kkaratterizzata, estratta u vverifikata l-kwalità ta' sustanzi fl-għadma u fil-qoxra, u kif dawn il-prodotti tal-iskart għandhom jiġu pproċessati biex isir l-għalf tal-annimali, jew kif dawn jintużaw biex isiru supplimenti tal-ikel u ingredjenti attivi fil-kożmetiċi. L-ebda parti mill-għarfien ġdid maħluq ma ġiet ippubblikata.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

⁵ L-Artikolu 57 (3) tar-[Regolament \(UE\) Nru 1305/2013](#).

- 53** Raġuni oħra għan-nuqqas ta' tixrid sinifikattiv tar-riżultati kienet meta l-proġetti tfaßlu biex ikunu ta' beneficiċċju biss għall-OG jew saħansitra għal membru wieħed tal-OG, li kien biħsiebu jew juża s-soluzzjoni internament jew inkella jikkummerċjalizzaha wara li l-proġett ikun tlesta. Dawk involuti f'dawn il-proġetti tipikament ippjanaw li jżommu għalihom riżultati sinifikanti mill-bidu nett biex iżommu vantaġġ kompetittiv fil-każ li l-innovazzjoni tirnexxi (il-[Kaxxa 14](#)). Minn 15-il proġett ta' dan it-tip, 6 kienu jkunu jitwettqu anke fin-nuqqas ta' appoġġ pubbliku, minħabba li r-riżultati kienu tant speċifiċi li ma setgħux jerġgħu jintużaw minn ħadd ieħor anki kieku saru pubbliċi.

Kaxxa 14

Eżempju ta' proġett li żamm ir-riżultati għalih sabiex iżomm il-vantaġġ kompetittiv tiegħu

Fi Franza (in-Normandija), proġett tal-EIP-AGRI żviluppa pjattaforma elettronika li tkun toħloq konnessjoni bejn il-bdiewa u l-fornituri tas-servizzi agrikoli. Il-fondi pubbliċi ntużaw biex tiġi żviluppata bażi ta' *data* li tinkludi l-fornituri kollha tas-servizzi agrikoli fir-reġjun, is-servizzi li pprovdew, u l-prezz. Huma ħallsu wkoll għal kalkolatur li jkun jippermetti lill-bdiewa jiddeċiedu jekk kienx jagħmel aktar sens ekonomiku li jixtru ċerta biċċa tagħmir jew iħallsu għas-servizz agrikolu minflok, u b'hekk tiġi indirizzata problema mifruxa għall-bdiewa Franċiżi fir-rigward ta' livelli għoljin ta' dejn u ammonti eċċessivi ta' tagħmir.

Fi tmiem il-proġett u minħabba s-segretezza kummerċjali, l-OG ma ħareġ l-ebda informazzjoni dwar il-programmi u l-funzjonijiet li kienu ġew żviluppati. Għalkemm l-evalwatur kien diġà nnota fl-istadju tal-ippjanar li r-riżultati tal-proġett kienu maħsuba għal użu kummerċjali, l-awtoritajiet reġjonali ma ħadu l-ebda miżura biex jaraw li żgur ixxerrdu riżultati sostanzjali. Ir-reġjun bħalissa ma għandux referenza pubblika għall-fornituri tas-servizzi agrikoli u s-servizzi li joffru.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

- 54** L-erba' Stati Membri kollha magħżula għal dan l-awditu ħallsu għal attivitajiet ta' komunikazzjoni u tixrid mingħajr ma għamlu l-ebda distinzjoni bejn it-tnejn. Għal xi proġetti inklużi fil-kampjun tagħna, il-kostijiet tal-komunikazzjoni u tat-tixrid kienu diġà ġew rimborżati meta l-proġetti kienu fi stadju bikri u kienu għadhom ma pproduċew l-ebda riżultat. Il-kostijiet rimborżati kienu jinkludu wkoll l-iżvilupp ta' siti elettroniċi tal-proġetti li jew ma tkomplewx fi tmiem il-proġett jew inkella ma kien fihom l-ebda informazzjoni dwar ir-riżultati miksuba. Fil-kampjun tagħna ta' proġetti, sibna li l-Istati Membri ffukaw l-aktar fuq il-ħlas għal attivitajiet ta' komunikazzjoni matul il-proġett kollu minflok fuq it-tixrid effettiv tar-riżultati (il-[Kaxxa 15](#)).

Kaxxa 15

Eżempju ta' appoġġ għat-tixrid li ma wassalx għad-disponibbiltà mifruxa tar-riżultati

Fi Spanja, l-10 proġetti kollha li inkludejna fil-kampjun mill-PŻR nazzjonali rċevew pagamenti għal attivitajiet ta' tixrid li varjaw minn EUR 40 000 sa EUR 79 000. Dawn jirrappreżentaw sa 17 % tal-kost totali tal-proġetti. L-attivitajiet appoġġati kienu jinkludu l-parteċipazzjoni f'avvenimenti, l-organizzazzjoni ta' jiem għall-pubbliku u l-pubblikazzjoni ta' artikli (kemm f'format stampat kif ukoll online). Dawn l-attivitajiet twettqu matul stadji differenti tal-proġett, l-aktar fil-livell lokali jew reġjonali. Għalkemm il-proġetti kollha kkomunikaw dwar l-attivitajiet tagħhom fir-rapporti finali u f'riżultati tanġibbli oħra, sibna li sitt proġetti biss kienu xerrdu riżultati sostanzjali għall-użu ta' oħrajn. Minn dawn is-sitt proġetti, wieħed biss kien tkabbar u s-soluzzjonijiet li ġew prodotti għadhom qed jintużaw għal żewġ proġetti oħra iżda esklużivament mill-membri tal-OG.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

L-Istati Membri ftit li xejn għamlu użu mir-riżultati tal-proġett jew mill-għarfien maħluq

- 55** It-tixrid tar-riżultati tal-proġetti huwa essenzjali għall-Istati Membri biex jitgħallmu liema tipi ta' proġetti huma l-aktar effettivi u jaġġustaw l-implimentazzjoni tagħhom tal-EIP-AGRI kif meħtieġ. Dawn ir-riżultati huma kruċjali wkoll biex jiġi vvalutat l-impatt tal-EIP-AGRI fuq is-settur agrikolu, b'mod partikolari fil-livell reġjonali fejn l-EIP-AGRI hija sors essenzjali ta' finanzjament pubbliku. Fi Franza, fin-Netherlands u fil-Polonja, innutajna nuqqas ġenerali ta' kapaċità teknika f'dak li jirrigwarda l-ħżin u l-ipproċessar korretti tar-riżultati tal-proġetti. Sibna każijiet fejn l-awtoritajiet maniġerjali ma kellhomx aċċess għal riżultati sostanzjali tal-proġett minħabba li l-OGs ma kinux baqgħu jeżistu wara li l-proġetti kienu ġew konklużi. Peress li l-awtoritajiet maniġerjali mhux dejjem ipprovdew definizzjoni dettaljata biżżejjed tar-riżultati tanġibbli fil-ftehim ta' għotja, l-OGs ma kinux meħtieġa jipprovdu riżultati tanġibbli fi tmiem il-proġett u spiss ma kinux jipprovduhom, minkejja li setgħu kienu utli (il-Kaxxa 16).

Kaxxa 16

Eżempju ta' opportunità mitlufa biex jiżdiedu r-riżultati ta' proġett



L-objettiv ta' proġett fis-settur tat-*tkabbir tal-frott* fi Spanja (l-Andalusija) kien li tinstab alternattiva għax-xemgħat ibbażati fuq il-*paraffina* li jintużaw għall-*għlieda* kontra l-*għlata* fl-*imsaġar*. L-għan tal-proġett kien li jnaqqas it-*tniġġis* assoċjat u l-*ħolqien* ta' *duħħan* mix-xemgħat. Il-proġett irriżulta fl-*għażla* ta' *ħiters* li ma jagħmlux *ħsara* lill-*ambjent* iżda sab ukoll mod kif jiġu *ffrankati* 20 % fuq il-*kostijiet* tal-*protezzjoni* mill-*għlata* billi jiġi *ottimizzat* il-mod li bih ix-xemgħat jitqassmu fil-*masġar*. Fuq skala reġjonali jew nazzjonali, dan jista' jwassal għal *iffrankar* sinifikanti għall-*produtturi* kollha f'wieħed mis-*setturi* *agrikoli* ewlenin ta' Spanja. Kemm l-*awtorità* maniġerjali kif ukoll l-*aġenzija* tal-*pagamenti* rċewew ir-*rapport finali* tal-proġett li jagħti *dettalji* dwar l-*algoritmu* użat għat-*tqassim* tax-xemgħat u l-*iffrankar* li sar, iżda ma ħadu l-*ebda* *azzjoni* biex jipromwovu din is-*soluzzjoni* lill-*partijiet* ikkonċernati rilevanti.

Sors: il-QEA, abbażi tal-kampjun tagħna ta' proġetti.

- 56** L-*ebda* wieħed mill-*erba'* Stati Membri ma analizza r-*riżultati* tal-*proġett* biex jipromwovi l-*aktar* *innovazzjonijiet* promettenti fil-*livell* reġjonali jew f'dak nazzjonali. Għalkemm il-*PAK* tipprovdi lill-*Istati Membri* l-*għażla* li jużaw *fondi* oħra għall-*iżvilupp* rurali biex jgħaddu lil oħrajn l-*għarfien* utli li nħoloq fil-*proġetti*, permezz ta' *taħriġ*, *materjal* edukattiv, jew *servizzi* ta' *konsulenza*, l-*Istati Membri* rarament għamlu dan.

57 Fiż-żewġ reġjuni Franċiżi li żorna, sibna biss tliet każijiet ta' OGs li organizzaw avvenimenti għall-pubbliku u avvenimenti ta' dimostrazzjoni bl-użu tal-appoġġ mill-UE, wara li l-proġetti tagħhom kienu ntemmu. Dan kien minkejja l-linji gwida tal-EIP-AGRI tal-Kummissjoni li jenfasizzaw li l-komunikazzjoni bejn il-pari fost il-bdiewa u l-forestiera, u l-inkorporazzjoni ta' innovazzjonijiet f'servizzi ta' konsulenza regolari huma modi effettivi biex jiġu mmultiplikati jew jiddiedu r-risultati ta' proġetti li jirnexxu.

In-nuqqas ta' tixrid ta' rezultati ewlenin illimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li tevalwa l-effettività tas-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fil-politika agrikola komuni

58 L-OGs kienu meħtieġa jibagħtu rapport finali lill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali, li jiġbor fil-qosor l-eżiti tal-proġetti tagħhom. L-awtoritajiet imbagħad kienu meħtieġa jgħaddu l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Madankollu, l-Istati Membri ma kkonformawx sistematikament ma' dan ir-rekwiżit. Sibna li Franza (Burgundy-Franche-Comté u n-Normandija) ma bagħtet lill-Kummissjoni l-ebda informazzjoni dwar ir-risultati li kienu nkisbu mill-proġetti ffinanzjati, filwaqt li Spanja, in-Netherlands u l-Polonja bagħtu informazzjoni parzjali biss. Għalkemm l-erba' Stati Membri kollha stabbilew bażi ta' *data* pubblika għall-proġetti tal-EIP-AGRI ffinanzjati f'pajjiżhom, dawn il-bażijiet ta' *data* ma pprovdewx informazzjoni dwar ir-risultati tal-proġetti lanqas u, f'xi każijiet, iprovdew informazzjoni mhux kompleta dwar il-proġetti mwettqa.

59 B'risultat tar-rappurtar fqir tar-risultati, hija fqira l-kwalità tal-informazzjoni dwar il-proġetti fil-bażi ta' *data* tan-[Network tal-EIP tal-UE](#). Jenħtieġ li n-network tal-EIP tal-UE jinkludi l-eżiti tal-proġetti kollha ffinanzjati permezz tal-EIP-AGRI madwar l-UE. Il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex jagħmlu r-risultati tal-proġetti disponibbli malajr kemm jista' jkun⁶. Madankollu, sibna li l-Istati Membri spiss jirrappurtaw proġetti b'dewmien sinifikanti, saħansitra sa ftit snin wara tmiem il-proġett. Għas-70 proġett fil-kampjun tagħna, sibna li l-bażi ta' *data* kien fiha informazzjoni dwar l-oġettivi tal-proġetti u l-eżiti mistennija, iżda l-kwalità tal-informazzjoni kienet tvarja. Madankollu, ma kien hemm l-ebda informazzjoni dwar ir-risultati miksuba u ma ġie inkluż l-ebda r-riżultat tanġibbli. Fil-livell nazzjonali u dak reġjonali, huwa rari li l-Istati Membri jipubblikaw ir-risultati tanġibbli tal-proġetti, inklużi r-rapporti finali.

⁶ Il-Kummissjoni, [Guidelines for data on European Innovation Partnership \(EIP\) Operational Groups](#), Ottubru 2023.

- 60** Jeħtiegħ li jkun hemm *data* komprensiva biex jiġu traċċati l-karatteristiċi u l-kisbiet tas-sħubijiet appoġġati mill-EIP-AGRI, u biex jiġi ddeterminat liema fatturi kkontribwew għall-aħjar prestazzjoni. Għall-PAK 2014–2022, ir-rekwiżiti ta' rappurtar tad-*data* għall-EIP-AGRI ġew iddefiniti fil-[qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Kummissjoni](#), li kien jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni annwali dwar żewġ indikaturi tal-output biss: l-għadd ta' proġetti appoġġati mill-EIP-AGRI fil-PAK, u l-ammont ta' appoġġ pubbliku riċevut. Sibna li din id-*data* ma kinitx affidabbli għal tnejn mill-erba' Stati Membri inklużi fil-kampjun tagħna: Spanja (il-Katalonja) irrappurtat 778 proġett meta kienu ġew iffinanzjati biss 282 proġett, u n-Netherlands irrappurtaw 493 proġett minflok 437. Il-Kummissjoni ma kinitx konxja ta' dawn l-iżbalji fir-rappurtar.
- 61** Il-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ma kien jinkludi l-ebda indikatur tar-riżultati jew tal-impatt, minkejja li tali indikaturi tal-prestazzjoni kienu essenzjali biex il-kisbiet jiġu vvalutati⁷. In-nuqqas ta' *data* rilevanti u affidabbli llimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li tevalwa l-EIP-AGRI.
- 62** Il-Kummissjoni tuża evalwazzjonijiet tal-programmi u l-ġhodod tal-UE biex titgħallem dwar il-politika. Madankollu, għall-EIP-AGRI, ma kien hemm l-ebda valutazzjoni sistematika, la tal-mod kif jaħdmu l-OGs u lanqas tal-impatt li l-proġetti fil-perjodu 2014–2022 kellhom fuq l-erba' objettivi tal-EIP-AGRI fil-PAK. L-unika evalwazzjoni mwettqa kienet fl-2016, fi żmien meta l-ebda proġett tal-EIP-AGRI ma kien għadu tlesta, u l-ebda riżultat ma kien disponibbli. Fl-2018 u fl-2024 twettqu valutazzjonijiet addizzjonali fuq għadd żgħir ta' studji tal-każijiet magħżula minn qabel. Dawn il-valutazzjonijiet ma qisux il-kontribut ġenerali tal-proġetti biex jintlaħqu l-objettivi tal-EIP-AGRI.
- 63** Is-sejbiet tagħna huma konsistenti ma' dawk li qegħdin f'rapport tal-OECD tal-2023 [Policies for the Future of Farming and Food in the European Union](#), li ġibed l-attenzjoni għal nuqqas ġenerali ta' analiżi tal-proġetti tal-OGs tal-EIP-AGRI u saħaħ fuq il-ħtieġa għal aktar evidenza. Ir-rapport iddikjara li għall-EIP-AGRI hija meħtieġa aktar evidenza biex żgur ikun hemm ċirku ta' feedback xieraq, b'informazzjoni u analiżi tal-muturi prinċipali tal-eżiti tal-innovazzjoni li jistgħu jtejbju t-tagħlim dwar il-politiki u l-applikazzjoni tal-aħjar strutturi u prattiki fost l-OGs.

⁷ [Better regulation toolbox](#), il-Kapitolu 5.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-28 ta' Jannar 2026.

Għall-Qorti tal-Awdituri

A handwritten signature in blue ink, appearing to read 'Tony Murphy'.

Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I – Dwar l-awditu


Innovazzjoni fl-agrikoltura

- 01** L-innovazzjoni għandha rwol prominenti fil-politiki tal-UE, billi taġixxi bħala lieva ewlenija biex tinkiseb is-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali tas-settur agrikolu. Għall-kuntrarju ta' setturi oħra, ir-riċerka u l-iżvilupp agrikoli huma ffinanzjati primarjament minn sorsi pubbliċi¹. Il-politika agrikola komuni (PAK) tipprovdi sors sinifikanti ta' finanzjament mill-UE għall-innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE, bi kważi EUR 1 000 000 000 ta' fondi pubbliċi minfuqa fil-perjodu 2014–2022.

- 02** Il-Kummissjoni ma għandhiex definizzjoni formali għall-innovazzjoni iżda tqis li innovazzjoni li tirnexxi fl-agrikoltura hija idea (prodott, servizz, proċess ta' produzzjoni jew mod ġdid ta' kif jiġu organizzati l-affarijiet), li tqiegħdet fil-prattika, uriet li hija utli, u ġiet adottata b'mod wiesa'. L-innovazzjoni tista' tinvolvi Prattiki kompletament ġodda jew l-applikazzjoni ta' Prattiki li diġà jeżistu f'kuntest ġeografiku jew ambjentali ġdid. L-innovazzjoni agrikola tkopri firxa wiesgħa ta' ħtiġijiet tal-biedja, tal-forestrija jew agroalimentari, kif jidher fil-*Figura 1*.

¹ L-OECD, *Policies for the Future of Farming and Food in the European Union*, OECD Agriculture and Food Policy Reviews, 2023.

Figura 1 | Tipi ta' innovazzjoni agrikola



Sors: il-QEA, abbażi tal-klassifikazzjoni proposta min-Network tal-PAK tal-UE fl-istudju taġġhom tal-2024 dwar l-eżiti miksuba mill-proġetti tal-EIP-AGRI li l-OGs wettqu taħt il-PAK.

L-EIP għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli fil-PAK

- 03** Mill-2014 'il hawn, is-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP-AGRI) fil-PAK ipprovdiet finanzjament għall-innovazzjoni Prattika, minn isfel għal fuq, li kien maħsub biex jikkontribwixxi ħalli l-agrikoltura tal-UE ssir aktar kompetittiva u sostenibbli. L-iskop tal-EIP-AGRI kien li tindirizza l-ħtiġijiet fl-agrikoltura u l-forestrija, mill-produzzjoni primarja tul il-katina tal-valur kollha kemm hi.
- 04** Il-PAK 2014–2022 iddefinjiet erba' objettivi wesgħin għall-EIP-AGRI²:
- (a) tippromwovi settur agrikolu u tal-forestrija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ekonomikament vijabbli, produttiv, kompetittiv, b'livell baxx ta' emissjonijiet, li ma jagħmilx ħsara lill-klima u reżistenti;
 - (b) tgħin biex ikun hemm provvista kostanti u sostenibbli ta' ikel, għalf u bijomaterjali;
 - (c) ittejjeb il-proċessi tal-preservazzjoni tal-ambjent, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu; u
 - (d) tibni pontijiet bejn ir-riċerka, l-għarfien u t-teknoloġija avvanzati u l-bdiewa, il-manigiers tal-foresti, il-komunitajiet rurali, in-negozji, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi u s-servizzi konsultattivi.
- 05** Filwaqt li tindirizza dawn l-erba' objettivi, l-EIP-AGRI fil-PAK kienet meħtieġa wkoll li³:
- ittejjeb l-adozzjoni u l-effettività tal-għodod marbuta mal-innovazzjoni u ttejjeb il-konnessjonijiet bejniethom;
 - tippromwovi l-implimentazzjoni rapida u mifruxa ta' soluzzjonijiet innovattivi; u
 - torbot aħjar ir-riċerka u l-prattika agrikola biex jitnaqqas id-distakk bejn iż-żewġ oqsma, u tinforma lill-komunità xjentifika dwar il-ħtiġijiet tar-riċerka fil-biedja.

² L-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

³ Il-Premessa 44 u l-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

Il-mekkaniżmu eżekuttiv ibbażat fuq il-proġetti tal-EIP-AGRI fil-PAK

06 Il-PAK 2014–2022 ħolqot qafas fil-livell tal-UE għall-EIP-AGRI li pprova flessibilità sinifikanti lill-Istati Membri dwar kif jimplementawha. L-EIP-AGRI għet inkluża fil-miżura ta' żvilupp rurali għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni fi ħdan is-settur agrikolu. L-EIP-AGRI ħadmet kif ġej.

- (1) Il-partijiet ikkonċernati interessati ffurmaw grupp operazzjonali (OG) biex iwettqu proġett. Ipproponew pjan ta' proġett lill-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali, li jiddeskrivi fil-qosor l-idea innovattiva tagħhom, ir-riżultati mistennija, u l-kontributi mistennija għat-titjib tal-produttività u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi.
- (2) Jekk il-proġett kien jintgħażel, il-membri tal-OGs kienu jwettqu l-proġett u jxerrdu r-riżultati, b'mod partikolari permezz tan-Network tal-EIP tal-UE fil-livell tal-UE (il-paragrafu **09**).

Il-proġetti tal-OGs kellhom ikunu bbażati fuq il-mudell ta' innovazzjoni interattiva. L-OGs kienu meħtieġa jinkludu mill-inqas żewġ membri b'għarfien komplementari; il-preżenza ta' prattikanti bħal bdiewa jew forestiera ma kinitx obligatorja. Il-membri tal-OGs kellhom jiddeċiedu b'mod konġunt u joħolqu b'mod konġunt, tul il-proġett kollu, biex jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi għal problemi prattiċi tal-bdiewa.

07 Il-finanzjament mill-PAK għall-EIP-AGRI taħt il-miżura ta' kooperazzjoni kopra kemm l-istabbiliment tal-OG kif ukoll l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' innovazzjoni. Huwa ppreveda r-rimborż tal-kostijiet kollha mġarrba, bħal studji preparatorji, it-tfassil tal-pjan ta' implimentazzjoni, it-tmexxija tal-OG u l-promozzjoni tal-proġett. L-Istati Membri setgħu jew jiffinanzjaw l-EIP-AGRI permezz tal-miżura ta' kooperazzjoni biss, jew inkella jikkombinawha ma' miżuri ta' żvilupp rurali oħra (eż. għax-xiri jew il-lokazzjoni ta' makkinarju u tagħmir ġdid, l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-software, jew l-iżvilupp ta' azjendi agrikoli u negozji).

08 L-Istati Membri setgħu jagħżlu jekk jinkludux jew le l-EIP-AGRI fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom. Ġew imħeġġa jiddefinixxu objettivi speċifiċi għall-għodda, b'fokus fuq il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tagħhom stess f'dak li jirrigwarda l-agrikoltura u l-forestrija. Barra minn hekk, setgħu jiddeċiedu jew li jillimitaw l-EIP-AGRI għal suġġetti ta' prijorità nazzjonali jew reġjonali speċifiċi, jew inkella li jiffinanzjaw fil-biċċa l-kbira inizjattivi żviluppanti fil-livell lokali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali. L-Istati Membri kienu responsabbli mit-tagħzil ta' proġetti ta' innovazzjoni, inkluża d-determinazzjoni tal-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla. Kienu responsabbli wkoll mill-istabbiliment tal-livell ta' appoġġ pubbliku, b'appoġġ sa 100 % tal-ispejjeż eliġibbli.

Tixrid tar-riżultati tal-proġetti — parti essenzjali mill-EIP-AGRI fil-PAK


- 09** Biex ir-riżultati ta' proġetti individwali żgur ikunu ta' benefiċċju għas-settur agrikolu kollu kemm hu, l-OGs kellhom ixerrdu s-sejbiet tagħhom b'mod wiesa' fi ħdan il-komunità agrikola, b'mod partikolari permezz tan-Network tal-EIP tal-UE. Stabbilit mill-Kummissjoni fl-2013, in-network kellu jiffaċilita l-adozzjoni usa' ta' innovazzjonijiet permezz ta' [sit elettroniku speċifiku](#), bażi ta' *data* tal-proġetti tal-EIP-AGRI, u l-organizzazzjoni ta' avvenimenti. L-Istati Membri setgħu jstabilixxu wkoll networks tal-EIP biex itejbu t-tixrid tar-riżultati tal-EIP-AGRI fil-livell nazzjonali.
- 10** In-network tal-EIP tal-UE kien responsabbli wkoll biex jinforma lill-partijiet ikkonċernati dwar il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni fl-agrikoltura u r-riċerka l-aktar reċenti, u biex jappoġġa l-kompożizzjoni tal-OGs. Dan inkiseb prinċipalment permezz ta':
- (a) avvenimenti tematiċi;
 - (b) materjal ta' komunikazzjoni; u
 - (c) gruppi fokali li jinkludu esperti fuq il-post minn madwar l-UE, li kkonċentraw fuq oqsma ta' prijorità speċifiċi (eż. il-biedja ta' preċiżjoni, l-agroekoloġija, il-fertilizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni).

Sa tmiem l-2024, kienu diġà ġew stabbiliti 55 grupp fokali.

Il-finanzjament tal-EIP-AGRI fil-PAK

- 11** Taħt il-PAK 2014–2022, l-Istati Membri kollha minbarra l-Lussemburgu kienu pprogrammaw appoġġ għall-EIP-AGRI fil-pajjiżi tagħhom. Madankollu, mhux l-Istati Membri u r-reġjuni kollha implimentaw il-proġetti tal-EIP-AGRI. Sa tmiem l-2024, 87 minn 114-il programm ta' żvilupp rurali (PŻR) ipprovdew appoġġ finanzjarju ta' EUR 1 000 000 000 lill-OGs, kofinanzjati mill-fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali u mill-fondi nazzjonali. Il-[Figura 2](#) turi l-appoġġ pubbliku u l-għadd ta' proġetti skont l-Istat Membru.

Figura 2 | Appoġġ pubbliku u għadd ta' proġetti tal-EIP-AGRI ffinanzjati fil-perjodu 2014–2022



Nota: sa tmiem l-2024 ma ġiet iddikjarata l-ebda nefqa mid-Danimarka jew mis-Slovakkja. Il-Lussemburgu ma inkludix l-EIP-AGRI fil-PŻR tiegħu għall-perjodu 2014–2022. In-nefqa hija kif irrappurtata mill-Istati Membri sa tmiem l-2024. L-għadd ta' proġetti huwa kif irrappurtat sa Ottubru 2025. Skont ir-regoli baġitarji, il-proġetti magħżula taħt il-PAK 2014–2022 setgħu jiġu implimentati sal-2025.

Sors: il-QEA, abbażi tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għall-2024.

12 Skont il-PAK 2023–2027, il-promozzjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni fl-agrikoltura saret objettiv trażversali. L-Istati Membri allokaw EUR 1.6 biljun għal proġetti tal-OG fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom. L-4 objettivi wesgħin preċedenti tal-EIP-AGRI (il-paragrafu 04) huma integrati fl-10 objettivi ta' politika ewlenin tal-PAK 2023–2027. Il-mekkaniżmu eżekuttiv tal-EIP-AGRI fil-PAK b'mod wiesa' għadu l-istess fil-livell tal-UE. Madankollu, xi karatteristiċi ewlenin koperti mil-linji gwida tal-Kummissjoni fil-PAK 2014–2022 tmexxew għal ġewwa l-qafas legali tal-PAK 2023–2027: il-mudell ta' innovazzjoni interattiva; l-enfasi fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet kollaborattivi u l-kokreazzjoni fost il-membri tal-OG; fokus aktar qawwi fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa; u r-rekwiżit għal għarfien komplementari fi ħdan l-OG. In-network tal-EIP tal-UE ġie integrat fin-Network usa' tal-PAK tal-UE.

Rwoli u responsabbiltajiet


- 13** Id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (DĠ AGRI) tal-Kummissjoni huwa responsabbli mill-istabbiliment u l-ġestjoni tal-inizjattiva EIP-AGRI fil-livell tal-UE. Ipprova linji gwida għall-Istati Membri dwar kif għandhom jipprogramaw l-EIP-AGRI fil-PŻR u fil-pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom, u huwa responsabbli mill-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-EIP-AGRI fl-Istati Membri. Id-DĠ AGRI ddefinixxa l-mandat tan-Network tal-EIP tal-UE u huwa responsabbli biex jara li l-objettivi tiegħu żgur jintlaħqu.
- 14** Taħt ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri huma responsabbli mill-istabbiliment u l-ġestjoni tal-EIP-AGRI fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-agrikoltura (il-PŻR 2014–2022 u l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK 2023–2027), f'konformità mal-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tas-setturi agrikoli tagħhom. L-awtoritajiet nazzjonali jew reġjonali jorganizzaw sejħiet għal proġetti tal-EIP-AGRI, jagħżlu l-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati, jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tagħhom u jivvalutaw ir-riżultati tagħhom.
- 15** L-OGs huma responsabbli biex jipproponu u jwettqu proġetti ta' innovazzjoni f'konformità mal-pjan tal-proġett approvat. Jeħtiġilhom ixerrdu r-riżultati tal-proġetti tagħhom (prinċipalment permezz tan-Network tal-EIP tal-UE), inkluż kwalunkwe għarfien maħluq fil-qasam kopert⁴.

⁴ L-Artikolu 57(3) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

- 16** L-għan ta' dan l-awditu kien li jivvaluta jekk l-EIP-AGRI fil-PAK għamlitx kontribut sinifikanti għall-innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE permezz tal-implimentazzjoni ta' proġetti tal-OGs. Eżaminajna jekk:
- (1) il-proġetti ffinanzjati kinux iffukati biżżejjed fuq il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa;
 - (2) l-Istati Membri għażlux proġetti li pproduċew innovazzjonijiet;
 - (3) ir-risultati tal-proġetti xxerrdux u ntużawx biex jippromwovu l-adozzjoni usa' tal-innovazzjonijiet u jtejbu l-EIP-AGRI maż-żmien.
- 17** Awditajna dan il-qasam minħabba l-importanza dejjem tikber tal-innovazzjoni fil-kisba ta' settur agrikolu sostenibbli u kompetittiv. Dan huwa l-ewwel awditu tal-QEA dwar il-kontribut tal-EIP-AGRI għall-innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE.
- 18** L-awditu ffoka fuq l-infiq tal-EIP-AGRI fi ħdan il-miżura ta' żvilupp rurali għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni fl-agrikoltura u l-forestrija mill-2014 sal-2022. L-entitajiet awditjati minna kienu d-DĠ AGRI u erba' Stati Membri (Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Polonja). Irrieżaminajna seba' PŻR f'dawk l-erba' Stati Membri. L-għażla rriflettiet l-ammont ta' nfiq tal-EIP-AGRI, l-għadd ta' proġetti ta' innovazzjoni mwettqa, u l-objettiv li jiġu koperti kemm l-arranġamenti reġjonali kif ukoll dawk nazzjonali. Orizzont 2020 huwa sors importanti ieħor ta' finanzjament għall-innovazzjoni fl-agrikoltura. Madankollu, peress li għandu mekkaniżmu ta' finanzjament differenti, ma koprejniehx f'dan l-awditu.
- 19** Irrieżaminajna 10 proġetti li tlestew f'kull PŻR, u ffukajna fuq varjetà ta' daqsijiet u suġġetti (il-**Figura 3**). Biex nifhmu kif ir-risultati qed jintużaw issa u l-impatt, żorna 41 proġett fuq il-post, organizzajna vidjokonferenzi għal 26 proġett, u wettaqna analiżijiet mhux fuq il-post għat-3 proġetti li kien jifdal.


Figura 3 | Portafoll varjat ta' 70 proġett tal-EIP-AGRI fl-Istati Membri magħżula



Sors: il-QEA.

- 20** L-approċ tal-awditjar tagħna ġabar flimkien ir-rieżaminar tad-dokumenti, l-analiżi tad-*data*, u x-xogħol fuq il-post. Il-**Figura 4** turi kif ksibna l-evidenza għall-osservazzjonijiet tagħna.

Figura 4 | L-approċ tal-awditjar tagħna: xogħol li twettaq



Sors: il-QEA.

Anness II – Kif ivvalutajna jekk il-proġetti pproduċewx innovazzjoni

Definizzjoni ta' gwida: L-innovazzjoni fl-agrikoltura hija idea (prodott, servizz, proċess ta' produzzjoni ġodda, jew mod ġdid ta' kif jiġu organizzati l-affarijiet) li jirnexxielha titqiegħed fil-prattika, li turi li hija utli, u li tiġi adottata b'mod wiesa'¹. Abbażi ta' din id-definizzjoni ta' gwida, fassalna l-kriterji ta' valutazzjoni tagħna kif ġej:

Kriterji	Għoti ta' punteġġi
Din kienet idea ġdida jew idea li kienet diġà teżisti, li ntużat għall-ewwel darba f'kuntest speċifiku?	<p>2 punti jekk il-proġett esplora idea ġenwinament ġdida</p> <p>Punt 1 jekk il-proġett esplora idea li diġà teżisti, iżda użaha għall-ewwel darba f'kuntest speċifiku</p> <p>0 punti jekk il-proġett uża idea li diġà teżisti, mingħajr ma adattaha għal kuntest ġdid</p>
L-idea tqiegħdet fil-prattika?	<p>punt 1 għall-implimentazzjoni Prattika tal-idea fi ħdan il-proġett jew b'riżultat tiegħu</p> <p>0 punti jekk il-proġett wassal biss soluzzjonijiet teoretiċi, u mhux orjentati lejn il-prattika (dokumenti xjentifiċi, mudelli teoretiċi, eċċ.)</p>
Uriet li kienet utli?	<p>2 punti jekk l-innovazzjoni maħluqa fil-proġett qed tintuża llum, u tal-anqas tintuża mill-membri/i tal-OG</p> <p>punt 1 jekk l-innovazzjoni ma tintużax illum, iżda ġiet żviluppata aktar wara li ntemm il-proġett biex issir utli fil-futur</p> <p>0 punti jekk ir-riżultati tal-proġett ma jintużaw bl-ebda mod illum</p>

¹ Il-Kummissjoni, [Guidelines for data on European Innovation Partnership \(EIP\) Operational Groups](#), Ottubru 2023.

Ġiet adottata b'mod wiesa'?	<p>2 punti jekk l-innovazzjoni llum qed tintuża barra mill-OG</p> <p>punt 1 jekk l-innovazzjoni llum ma tintużax, iżda r-riżultati xxerrdu b'mod li jaf xorta jintużaw fil-futur, eż. it-tagħlimiet meħuda</p> <p>0 punti jekk l-innovazzjoni ma tintużax barra mill-OG u l-OG ma xerridix ir-riżultati sostanzjali tal-proġett</p>
Punteġġ totali	= (punti riċevuti ÷ 7) × 100 %

Abbażi tas-sistema ta' għoti ta' punteġġi, il-valutazzjoni li wettaqna tiddistingwi bejn erba' livelli ta' kwalità tal-innovazzjoni.

Taħt il-25 %	minn 25 % sa 49 %	minn 50 % sa 75 %	Ogħla minn 75 %
L-ebda innovazzjoni/ innovazzjoni marġinali	Innovazzjoni ta' livell aktar baxx	Innovazzjoni ta' livell moderat	Innovazzjoni ta' livell ogħla

Anness III – Link għad-dettalji tal-valutazzjoni ta' 70 proġett inklużi fil-kampjun u l-analiżi tal-korrelazzjoni, disponibbli fuq il-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-QEA

Dan l-anness fih link(s) għad-dokumenti li huma disponibbli fuq il-pjattaforma ta' *data* miftuħa tal-QEA.

Abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni/Spjegazzjoni
DĠ AGRI	Id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali
EIP-AGRI	Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikola
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
OG	Grupp operazzjonali
PAK	Politika agrikola komuni
PŻR	Programm ta' żvilupp rurali

Glossarju

Terminu	Definizzjoni/Spjegazzjoni
Deadweight	Sitwazzjoni fejn attività ffinanzjata mill-UE kienet tibqa' għaddejja anke li kieku ma rċevietx għajjnuna pubblika.
Grupp operazzjonali	Grupp iffurmat minn partijiet ikkonċernati fis-settur tal-agrikoltura u tal-ikel, bħal bdiewa, riċerkaturi, konsulenti u negozji, biex jintlaħqu l-objettivi tal-EIP-AGRI li tiġi promossa l-innovazzjoni Prattika, minn isfel għal fuq, billi jiġi pplanat u implimentat proġett innovattiv b' mod konġunt.
Investiment kapitali	Flus minfuqa fuq binjiet, tagħmir jew assi tanġibbli jew intanġibbli oħra biex jiġu avvanzati objettivi operazzjonali għal żmien itwal.
Network tal-EIP tal-UE	L-istruttura tal-UE stabbilita mill-Kummissjoni għall-PAK 2014–2022 biex tiffaċilita n-networking ta' gruppi operazzjonali, servizzi konsultattivi u riċerkaturi, tipprovdi funzjoni ta' helpdesk għall-EIP-AGRI, u xxerred ir-riżultati tal-proġetti tal-EIP-AGRI. Ingħaqdet fin-Network tal-PAK tal-UE għall-PAK 2023–2027.
Programm ta' żvilupp rurali	Sett ta' objettivi jew azzjonijiet pluriennali nazzjonali jew reġjonali, approvati mill-Kummissjoni, għall-implimentazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali tal-UE.
Riċerka applikata	Investigazzjoni oriġinali biex jinkiseb għarfien ġdid li se jservi għan speċifiku u Prattiku, bħas-soluzzjoni ta' problema fid-dinja reali jew it-titjib ta' prodotti, proċessi jew sistemi li diġà jeżistu.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2026-09>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2026-09>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jsejtnu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn João Leão, Membru tal-QEA, li ngħata appoġġ minn Paula Betencourt, Kap tal-Kabinett u Sofia Batalha, Attaché tal-Kabinett; James McQuade, Maniġer Prinċipali; Grzegorz Grajdura, Kap tal-Kompitu; Mihaela Vacarasu, Deputat Kap tal-Kompitu; Jonas Kathage, Monika Gruszczyńska-Jasińska, Di Hai, Marie Elgersma u Rafał Czarnecki, Awdituri. Laura McMillan ipprovdiet appoġġ lingwistiku. Alexandra Mazilu pprovdiet appoġġ grafiku.



Mix-xellug għal-lemin: Paula Betencourt, Grzegorz Grajdura, Di Hai, João Leão, James McQuade, Monika Gruszczyńska-Jasińska.

DRITTIJET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Stampa fil-Kaxxa 5: © L-Università tax-Xjenzi Ambjentali u tal-Ħajja ta' Wrocław.

Ritratt tal-qoxra: © Budimir Jevtic — stock.adobe.com.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinjri rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jstax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-6463-5	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/2749575	QJ-01-25-067-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-6464-2	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/2176148	QJ-01-25-067-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Speċjali 09/2026](#) “Sħubija Ewropea għall-innovazzjoni fil-politika agrikola komuni — Għodda ewlenija għall-innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE li mhux qed tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

Is-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli hija għodda ta' politika ewlenija maħsuba biex trawwem innovazzjoni kollaborattiva minn isfel għal fuq. Lvvalutajna jekk is-sħubija għall-innovazzjoni fil-politika agrikola komuni kkontribwietx b'mod effettiv għall-innovazzjoni fl-agrikoltura tal-UE. Sibna li hija mhux qed tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha minħabba fokus insuffiċjenti fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa, proċess tal-għażla li naqas milli jagħti prijorità lil proġetti b'potenzjal ta' innovazzjoni, u tixrid dgħajjef tar-riżultati tal-proġetti. Biex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, nirrakkomandaw li jittejjeb il-fokus tas-sħubija fuq il-ħtiġijiet ta' innovazzjoni tal-bdiewa, jitqawwew il-proċeduri tal-għażla tal-proġetti u jissaħħaħ it-tixrid tar-riżultati.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors